C/2026/3467

24.7.2026

Opinjoni tal-Kumitat Ewropew tar-Reġjuni — Orizzont Ewropa — L-10 Programm Qafas għar-Riċerka u l-Innovazzjoni

(C/2026/3467)

Relatur: Anne BESNIER (FR/PSE), Viċi President tar-Reġjun ta' Centre-Val de Loire

Dokumenti ta' referenza:

Proposta għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jistabbilixxi l-Programm Qafas għar-Riċerka u l-Innovazzjoni, Orizzont Ewropa, għall-perjodu 2028-2034, li jistabbilixxi r-regoli tiegħu għall-parteċipazzjoni u d-disseminazzjoni, u li jħassar ir-Regolament (UE) 2021/695

COM (2025) 543

Proposta għal Deċiżjoni tal-Kunsill dwar l-istabbiliment tal-Programm Speċifiku li jimplimenta Orizzont Ewropa — il-Programm Qafas għar-Riċerka u l-Innovazzjoni għall-perjodu 2028-2034, li jistabbilixxi r-regoli għall-parteċipazzjoni u d-disseminazzjoni skont dak il-Programm, u li jħassar id-Deċiżjoni (UE) 2021/764

COM (2025) 544

I. RAKKOMANDAZZJONIJIET SABIEX JITRESSQU EMENDI

Emenda 1

Premessa 11

Test propost mill-Kummissjoni Ewropea	Emenda tal-KtR
Il-missjonijiet tal-UE kif stabbiliti fir-Regolament 2021/695 jenħtieġ li jippermettu impatt trasformattiv u sistemiku għas-soċjetà, billi jrawmu kollaborazzjoni transdixxiplinari, transsettorjali, transpolitika u transfruntiera. Jenħtieġ li dawn ikunu jiddependu fuq ir-riċerka u l-innovazzjoni biex jiżviluppaw it-teknoloġiji, is-servizzi, il-prodotti u l-innovazzjonijiet soċjali trasformattivi meħtieġa biex jilħqu l-objettivi ambizzjużi tagħhom. Min-naħa tagħhom, il-Missjonijiet tal-UE jenħtieġ li jħaffu l-iżvilupp, l-iskalar u l-użu ta' soluzzjonijiet innovattivi u jgħinu fil-ħolqien ta' swieq ewlenin għal prodotti u servizzi ġodda. Il-Programm Qafas jenħtieġ li jiffinanzja l-attivitajiet tar-riċerka u l-innovazzjoni tal-Missjonijiet, filwaqt li l-adozzjoni u l-espansjoni jenħtieġ li jitwettqu bi programmi oħra tal-UE u finanzjament nazzjonali.	Il-missjonijiet tal-UE kif stabbiliti fir-Regolament 2021/695 jenħtieġ li jippermettu impatt trasformattiv u sistemiku għas-soċjetà, billi jrawmu kollaborazzjoni transdixxiplinari, transsettorjali, transpolitika***,*** transfruntiera ***u transreġjonali, u jirriflettu bis-sħiħ il-ħtiġijiet speċifiċi tar-reġjuni muntanjużi, rurali, insulari u reġjuni periferiċi oħrajn***. Jenħtieġ li dawn ikunu jiddependu fuq ir-riċerka u l-innovazzjoni biex jiżviluppaw it-teknoloġiji, is-servizzi, il-prodotti u l-innovazzjonijiet soċjali trasformattivi meħtieġa biex jilħqu l-objettivi ambizzjużi tagħhom. Min-naħa tagħhom, il-Missjonijiet tal-UE jenħtieġ li jħaffu l-iżvilupp, l-iskalar u l-użu ta' soluzzjonijiet innovattivi u jgħinu fil-ħolqien ta' swieq ewlenin għal prodotti u servizzi ġodda. Il-Programm Qafas jenħtieġ li jiffinanzja l-attivitajiet tar-riċerka u l-innovazzjoni tal-Missjonijiet, filwaqt li l-adozzjoni u l-espansjoni jenħtieġ li jitwettqu bi programmi oħra tal-UE u finanzjament nazzjonali. ***Il-bliet u r-reġjuni għandhom ikunu jistgħu jaġixxu wkoll bħala ambjenti ewlenin għall-esperimentazzjoni, il-validazzjoni u l-użu fuq skala kbira ta' soluzzjonijiet żviluppati b'rabta mal-missjonijiet tal-UE, b'mod partikolari permezz ta' proġetti pilota u dimostraturi taħt kundizzjonijiet reali.***

Raġuni

Iridu jitqiesu l-ispeċifiċitajiet reġjonali kollha, mhux biss ir-reġjuni transfruntiera iżda wkoll ir-reġjuni marittimi, muntanjużi, eċċ. L-iżgurar ta' kollaborazzjoni transreġjonali espliċita ma jħallix l-investimenti fl-innovazzjoni jikkonċentraw biss f'ċentri diġà b'saħħithom, u jindirizza aħjar l-eżodu ta' mħuħ u l-iżvantaġġi strutturali fir-reġjuni periferiċi.

Emenda 2

Premessa 14

Test propost mill-Kummissjoni Ewropea	Emenda tal-KtR
Il-Programm jenħtieġ li jsaħħaħ ir-rabtiet bejn l-universitajiet u l-ekosistemi tal-innovazzjoni, inkluż is-settur privat.	Il-Programm ***Qafas*** jenħtieġ li jsaħħaħ ir-rabtiet bejn l-universitajiet u l-ekosistemi tal-innovazzjoni, inkluż is-settur privat***, u jgħaqqad l-ekosistemi lokali u reġjonali***.

Raġuni

Ir-rabta bejn l-ekosistemi reġjonali se tippromovi l-iżvilupp rapidu tal-innovazzjoni, u l-Programm Qafas għandu jiffaċilita dawn il-konnessjonijiet.

Emenda 3

Premessa 15

Test propost mill-Kummissjoni Ewropea	Emenda tal-KtR
Il-Kunsill Ewropew tal-Innovazzjoni (EIC, European Innovation Council) jenħtieġ li jistimula innovazzjoni li toħloq is-swieq tat-teknoloġija profonda. Jenħtieġ li jidentifika, jiżviluppa u juża dawn l-innovazzjonijiet tat-teknoloġija profonda bl-istrumenti tiegħu. Permezz ta' appoġġ koerenti u simplifikat, l-EIC jenħtieġ li jimla l-vojt fl-appoġġ pubbliku u fl-investiment privat għat-teknoloġiji trasformattivi u l-innovazzjoni tat-teknoloġija profonda. Bl-istrumenti tiegħu, l-EIC jenħtieġ li jkollu l-għan li jgħaqqad, jintegra u jħaffef il-perkors tal-innovatur mir-riċerka sas-suq u jippermetti lill-Unjoni jkollha kumpaniji ewlenin f'oqsma emerġenti tat-teknoloġija biex tilħaq l-objettivi soċjali u ekonomiċi tagħha u tevita dipendenzi fuq reġjuni oħra. L-EIC jenħtieġ li jappoġġa innovazzjonijiet ta' riskju kbir u ta' potenzjal qawwi u lil kumpaniji li jerfgħu dawn ir-riskji teknoloġiċi, xjentifiċi, finanzjarji, ta' ġestjoni jew tas-suq li għadhom ma jitqisux bankabbli għalkollox, u għalhekk ma jistgħux jgħollu l-livell meħtieġ ta' investimenti biex ikunu kompetittivi globalment mis-suq.	Il-Kunsill Ewropew tal-Innovazzjoni (EIC, European Innovation Council) jenħtieġ li jistimula innovazzjoni li toħloq is-swieq tat-teknoloġija profonda. Jenħtieġ li jidentifika, jiżviluppa u juża dawn l-innovazzjonijiet tat-teknoloġija profonda bl-istrumenti tiegħu. Permezz ta' appoġġ koerenti u simplifikat, l-EIC jenħtieġ li jimla l-vojt fl-appoġġ pubbliku u fl-investiment privat għat-teknoloġiji trasformattivi u l-innovazzjoni tat-teknoloġija profonda. Bl-istrumenti tiegħu, l-EIC jenħtieġ li jkollu l-għan li jgħaqqad, jintegra u jħaffef il-perkors tal-innovatur mir-riċerka sas-suq***, billi jsaħħaħ ir-rabtiet bejn l-ERC u l-EIC,*** u jippermetti lill-Unjoni jkollha kumpaniji ewlenin f'oqsma emerġenti tat-teknoloġija biex tilħaq l-objettivi soċjali u ekonomiċi tagħha u tevita dipendenzi fuq reġjuni oħra. L-EIC jenħtieġ li jappoġġa innovazzjonijiet ta' riskju kbir u ta' potenzjal qawwi u lil kumpaniji li jerfgħu dawn ir-riskji teknoloġiċi, xjentifiċi, finanzjarji, ta' ġestjoni jew tas-suq li għadhom ma jitqisux bankabbli għalkollox, u għalhekk ma jistgħux jgħollu l-livell meħtieġ ta' investimenti biex ikunu kompetittivi globalment mis-suq.

Raġuni

L-eċċellenza fir-riċerka żviluppata permezz tal-ERC għandha twassal għall-innovazzjoni. Qabel ma jintemm il-programm ta' riċerka tal-ERC, trid tinħoloq rabta bejnu u l-opportunitajiet offruti mill-EIC.

Emenda 4

Premessa 16

Test propost mill-Kummissjoni Ewropea	Emenda tal-KtR
Il-finanzjament ta' espansjoni tat-teknoloġija profonda mill-Fond Scaleup Europe imħabbar fl-Istrateġija għan-Negozji li qed jespandu, eżistenti waqt id-dħul fis-seħħ ta' dan	Il-finanzjament ta' espansjoni tat-teknoloġija profonda mill-Fond Scaleup Europe imħabbar fl-Istrateġija għan-Negozji li qed jespandu, eżistenti waqt id-dħul fis-seħħ ta' dan

Test propost mill-Kummissjoni Ewropea	Emenda tal-KtR
ir-Regolament, jenħtieġ li jitwettaq skont it-termini miftiehma fil-QFP 2021-2027. Il-finanzjament kollu skont il-QFP 2028-2034 jenħtieġ li jitwettaq skont l-FEK.	ir-Regolament, jenħtieġ li jitwettaq skont it-termini miftiehma fil-QFP 2021-2027. Il-finanzjament kollu skont il-QFP 2028-2034 jenħtieġ li jitwettaq skont l-FEK. ***F'dan il-kuntest, il-KtR u l-awtoritajiet lokali u reġjonali jenħtieġ li jiġu assoċjati b'mod ugwali u xieraq fil-governanza tal-FEK, inkluż li jiġu infurmati minn qabel dwar id-deċiżjonijiet ta' programmazzjoni u l-inizjattivi ġodda futuri. Din il-parteċipazzjoni trid tiżgura rappreżentanza bbilanċjata tal-livelli territorjali differenti, waqt li jiġi żgurat li r-reġjuni ultraperiferiċi jkunu rappreżentati.***

Raġuni

Il-livelli territorjali differenti għandhom ikunu rappreżentati b'mod ibbilanċjat, u n-natura speċifika tar-reġjuni ultraperiferiċi, kif rikonoxxuta fl-Artikolu 349 tat-TFUE, għandha tiġi rikonoxxuta wkoll.

Emenda 5

Premessa 17

Test propost mill-Kummissjoni Ewropea	Emenda tal-KtR
Iċ-Ċentru Konġunt tar-Riċerka (JRC, Joint Research Centre) jenħtieġ li jkompli jipprovdi evidenza xjentifika indipendenti u appoġġ tekniku għall-politiki tal-Unjoni, tul iċ-ċiklu ta' politika kollu. L-azzjonijiet diretti tal-JRC jenħtieġ li jiġu implimentati b'mod flessibbli, effiċjenti u trasparenti, filwaqt li jitqiesu l-ħtiġijiet tal-politiki tal-Unjoni u l-ħtiġijiet rilevanti tal-utenti tal-JRC, filwaqt li tkun żgurata l-protezzjoni tal-interessi finanzjarji tal-Unjoni. Il-JRC jenħtieġ li jkompli jiġġenera riżorsi addizzjonali, li jista' juża biex jappoġġa l-attivitajiet xjentifiċi u tekniċi tiegħu.	Iċ-Ċentru Konġunt tar-Riċerka (JRC, Joint Research Centre) jenħtieġ li jkompli jipprovdi evidenza xjentifika indipendenti u appoġġ tekniku għall-politiki tal-Unjoni, tul iċ-ċiklu ta' politika kollu. L-azzjonijiet diretti tal-JRC jenħtieġ li jiġu implimentati b'mod flessibbli, effiċjenti u trasparenti, filwaqt li jitqiesu l-ħtiġijiet tal-politiki tal-Unjoni u l-ħtiġijiet rilevanti tal-utenti***, li fosthom jenħtieġ li jkun hemm l-Istati Membri, ir-reġjuni u l-bliet,*** tal-JRC, filwaqt li tkun żgurata l-protezzjoni tal-interessi finanzjarji tal-Unjoni. Il-JRC jenħtieġ li jkompli jiġġenera riżorsi addizzjonali, li jista' juża biex jappoġġa l-attivitajiet xjentifiċi u tekniċi tiegħu. ***Jenħtieġ tingħata attenzjoni speċjali biex jitnaqqas id-distakk bejn l-objettivi ta' politika tal-UE u l-implimentazzjoni tagħhom fil-livell reġjonali u lokali, billi tissaħħaħ l-integrazzjoni bejn ir-riċerka, l-innovazzjoni u l-introduzzjoni fis-suq, inkluż l-appoġġ biex l-innovazzjonijiet jiġu applikati fuq skala akbar.***

Raġuni

Il-ħidma taċ-Ċentru Konġunt tar-Riċerka hija importanti ħafna għar-reġjuni. Għandha titkompla ħidma komuni, permezz tal-KtR. It-tisħiħ tar-rabta mir-riċerka għall-introduzzjoni fis-suq isaħħaħ l-impatt, jappoġġja l-innovazzjoni reġjonali u jgħin biex jiżdiedu s-soluzzjonijiet fl-Ewropa kollha.

Emenda 6

Premessa 19

Test propost mill-Kummissjoni Ewropea	Emenda tal-KtR
Il-Programm jenħtieġ li jappoġġa l-infrastrutturi tar-riċerka u l-infrastrutturi tat-teknoloġija Ewropej biex jixpruna l-eċċellenza xjentifika u teknoloġika u l-kompetittività	Il-Programm jenħtieġ li jappoġġa l-infrastrutturi tar-riċerka u l-infrastrutturi tat-teknoloġija Ewropej biex jixpruna l-eċċellenza xjentifika u teknoloġika u l-kompetittività

Test propost mill-Kummissjoni Ewropea	Emenda tal-KtR
industrijali, billi jappoġġa l-kontinwità taċ-ċiklu tar-riċerka u l-innovazzjoni mir-riċerka bażika sar-riċerka applikata lejn adozzjoni fis-soċjetà u fis-suq.	industrijali, billi jappoġġa l-kontinwità taċ-ċiklu tar-riċerka u l-innovazzjoni mir-riċerka bażika sar-riċerka applikata lejn adozzjoni fis-soċjetà u fis-suq ***bejn il-fruntieri reġjonali u nazzjonali u ż-Żona Ewropea tar-Riċerka (ŻER). Għal dan l-għan, għandu jiġi stabbilit monitoraġġ tal-implimentazzjoni biex tiġi vvalutata d-distribuzzjoni ġeografika tal-finanzjament u jiġu evitati konċentrazzjonijiet sproporzjonati.***

Raġuni

Issaħħaħ il-proposta tal-KtR billi tipprovdi mekkaniżmi ta' monitoraġġ territorjali.

Emenda 7

Premessa 20

Test propost mill-Kummissjoni Ewropea	Emenda tal-KtR
Il-Programm jenħtieġ li jimplimenta miżuri konkreti b'appoġġ għall-bini tal-kapaċità fil-pajjiżi ta' twessigħ u t-tisħiħ tar-rabtiet kollaborattivi madwar l-Unjoni li ***jsaħħu*** l-kapaċità tar-riċerka u l-innovazzjoni fil-pajjiżi ta' twessigħ u fil-pajjiżi ta' tranżizzjoni, li jwasslu għal sistema Ewropea tar-R&I aktar koeżiva u integrata u jikkontribwixxu għall-mira tal-investiment ta' mqar 3 % tal-PDG fir-riċerka u l-iżvilupp. L-Istati Membri eliġibbli mill-perjodu 2021-2027 jenħtieġ li jinqasmu f'żewġ gruppi għal perjodu kollu tal-Programm, abbażi tal-Indiċi tat-Tabella ta' Valutazzjoni tal-Innovazzjoni u r-redditu finanzjarju relattiv għal kull Introjtu Nazzjonali Gross (ING), abbażi tal-kriterji li ġejjin: i) "Pajjiżi ta' tranżizzjoni", kemm b'Indiċi tat-Tabella ta' Valutazzjoni tal-Innovazzjoni (2023-2025) iżjed minn 75 % tal-medja tal-Unjoni kif ukoll b'redditu finanzjarju relattiv pożittiv għal kull ING (2021-2025) skont Orizzont Ewropa; ii) "Pajjiżi ta' twessigħ", l-Istati Membri l-oħra kollha eliġibbli mill-perjodu 2021-2027.	Il-Programm jenħtieġ li jimplimenta miżuri konkreti b'appoġġ għall-bini tal-kapaċità fil-pajjiżi ta' twessigħ u t-tisħiħ tar-rabtiet kollaborattivi madwar l-Unjoni***, inklużi r-reġjuni li, fl-istess ħin, isaħħu*** l-kapaċità tar-riċerka u l-innovazzjoni fil-pajjiżi ta' twessigħ u fil-pajjiżi ta' tranżizzjoni, li jwasslu għal sistema Ewropea tar-R&I aktar koeżiva u integrata u jikkontribwixxu għall-mira tal-investiment ta' mqar 3 % tal-PDG fir-riċerka u l-iżvilupp. L-Istati Membri eliġibbli mill-perjodu 2021-2027 jenħtieġ li jinqasmu f'żewġ gruppi għal perjodu kollu tal-Programm, abbażi tal-Indiċi tat-Tabella ta' Valutazzjoni tal-Innovazzjoni u r-redditu finanzjarju relattiv għal kull Introjtu Nazzjonali Gross (ING), abbażi tal-kriterji li ġejjin: i) "Pajjiżi ta' tranżizzjoni", kemm b'Indiċi tat-Tabella ta' Valutazzjoni tal-Innovazzjoni (2023-2025) iżjed minn 75 % tal-medja tal-Unjoni kif ukoll b'redditu finanzjarju relattiv pożittiv għal kull ING (2021-2025) skont Orizzont Ewropa; ii) "Pajjiżi ta' twessigħ", l-Istati Membri l-oħra kollha eliġibbli mill-perjodu 2021-2027.

Raġuni

It-tnaqqis tad-distakk fl-innovazzjoni fl-UE ma jistax jiġi indirizzat fil-livell nazzjonali biss, peress li hemm riskju li d-distakk bejn ir-reġjuni jkompli jikber. Ir-rikonoxximent tar-rwol tal-bliet bħala ċentri ta' innovazzjoni jagħmilha possibbli li tissaħħaħ l-effiċjenza tas-sistema Ewropea tar-riċerka u l-innovazzjoni u jitħaffef il-pass tat-tixrid tal-innovazzjonijiet.

Emenda 8

Premessa (22)

Test propost mill-Kummissjoni Ewropea	Emenda tal-KtR
Biex tissaħħaħ l-awtonomija strateġika tal-Unjoni u jkun żgurat tkabbir ekonomiku sostenibbli fit-tul, hu essenzjali li tissaħħaħ il-kompetittività globali tagħha filwaqt li jitħarsu	Biex tissaħħaħ l-awtonomija strateġika tal-Unjoni u jkun żgurat tkabbir ekonomiku sostenibbli fit-tul, hu essenzjali li tissaħħaħ il-kompetittività globali tagħha filwaqt li jitħarsu

Test propost mill-Kummissjoni Ewropea	Emenda tal-KtR
l-assi u l-interessi strateġiċi tagħha kif deskritt fl-Istrateġija Ewropea tas-Sigurtà Ekonomika[1]. L-Artikolu 136 tar-Regolament (UE, Euratom) 2024/2509 kif ikkomplementat mill-Artikolu 10 tar-Regolament (UE) XXX [il-Fond Ewropew għall-Kompetittività] jippromwovi l-kompetittività tal-Unjoni u jipproteġi s-sigurtà ekonomika tagħha. L-applikazzjoni ta' dawn id-dispożizzjonijiet għall-fini tal-Programm jenħtieġ li tipprovdi qafas legali xieraq li jippermetti, meta meħtieġ, l-istabbiliment ta' kundizzjonijiet speċifiċi fir-rigward ta' proċeduri ta' aġġudikazzjoni li jippromwovu l-kompetittività mmexxija mir-riċerka u jipproteġu l-interessi u l-awtonomija strateġika tal-Unjoni, inkluż miżuri mmirati għar-restrizzjoni tal-parteċipazzjoni jew il-protezzjoni tar-riżultati u jiżguraw koerenza u konsistenza ma' regoli speċifiċi skont it-twieqi tal-Fond Ewropew għall-Kompetittività. Meta meħtieġ, jenħtieġ li jitħaddem approċċ ibbażat fuq ir-riskji biex ikun żgurat li r-riskji relatati mar-riċerka u l-innovazzjoni jiġu identifikati, ivvalutati u indirizzati b'miżuri proporzjonati u effettivi[2]. F'konformità mal-Artikolu 136 tar-Regolament Finanzjarju, għal raġunijiet ta' sigurtà, jenħtieġ li r-restrizzjonijiet tal-eliġibbiltà japplikaw għal forniturі ta' riskju għoli.	l-assi u l-interessi strateġiċi tagħha kif deskritt fl-Istrateġija Ewropea tas-Sigurtà Ekonomika[1]. L-Artikolu 136 tar-Regolament (UE, Euratom) 2024/2509 kif ikkomplementat mill-Artikolu 10 tar-Regolament (UE) XXX [il-Fond Ewropew għall-Kompetittività] jippromwovi l-kompetittività tal-Unjoni u jipproteġi s-sigurtà ekonomika tagħha. L-applikazzjoni ta' dawn id-dispożizzjonijiet għall-fini tal-Programm jenħtieġ li tipprovdi qafas legali xieraq li jippermetti, meta meħtieġ, l-istabbiliment ta' kundizzjonijiet speċifiċi fir-rigward ta' proċeduri ta' aġġudikazzjoni li jippromwovu l-kompetittività mmexxija mir-riċerka u jipproteġu l-interessi u l-awtonomija strateġika tal-Unjoni, inkluż miżuri mmirati għar-restrizzjoni tal-parteċipazzjoni jew il-protezzjoni tar-riżultati u jiżguraw koerenza u konsistenza ma' regoli speċifiċi skont it-twieqi tal-Fond Ewropew għall-Kompetittività. Meta meħtieġ, jenħtieġ li jitħaddem approċċ ibbażat fuq ir-riskji biex ikun żgurat li r-riskji relatati mar-riċerka u l-innovazzjoni jiġu identifikati, ivvalutati u indirizzati b'miżuri proporzjonati u effettivi[2]. F'konformità mal-Artikolu 136 tar-Regolament Finanzjarju, għal raġunijiet ta' sigurtà, jenħtieġ li r-restrizzjonijiet tal-eliġibbiltà japplikaw għal forniturі ta' riskju għoli. ***Il-bliet u r-reġjuni jenħtieġ jiġu rikonoxxuti bħala atturi ewlenin fl-ekosistemi tal-innovazzjoni, li jikkontribwixxu għall-iżvilupp, l-ittestjar, l-introduzzjoni u l-iskalar ta' soluzzjonijiet b'kooperazzjoni mill-qrib mal-industrija u l-organizzazzjonijiet tar-riċerka.***
[1] Il-Komunikazzjoni Konġunta lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill Ewropew u lill-Kunsill dwar "Strateġija Ewropea ta' Sigurtà Ekonomika" JOIN(2023) 20 final, Brussell, 20.06.2023.	[1] Il-Komunikazzjoni Konġunta lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill Ewropew u lill-Kunsill dwar "Strateġija Ewropea ta' Sigurtà Ekonomika" JOIN(2023) 20 final, Brussell, 20.06.2023.
[2] Ir-Rakkomandazzjoni tal-Kunsill tat-23 ta' Mejju 2024 dwar it-tisħiħ tas-sigurtà tar-riċerka, C/2024/3510.	[2] Ir-Rakkomandazzjoni tal-Kunsill tat-23 ta' Mejju 2024 dwar it-tisħiħ tas-sigurtà tar-riċerka, C/2024/3510.

Raġuni

Il-bliet u r-reġjuni huma kruċjali għall-implimentazzjoni u l-adozzjoni tal-innovazzjoni. Huma jimmobilizzaw il-kollaborazzjoni industrijali u akkademika lejn il-miri tal-UE. Ir-rikonoxximent tar-rwol tagħhom isaħħaħ l-ekosistemi u jikkontribwixxi għall-kompetittività, ir-reżiljenza u s-sigurtà ekonomika fl-Ewropa kollha.

Emenda 9

Premessa (25)

Test propost mill-Kummissjoni Ewropea	Emenda tal-KtR
Il-Programm jagħraf li t-tibdil fil-klima hu waħda mill-akbar sfidi dinjin u tas-soċjetà, u li l-azzjoni klimatika hi xprun għall-kompetittività industrijali. L-attivitajiet jenħtieġ	Il-Programm jagħraf li t-tibdil fil-klima hu waħda mill-akbar sfidi dinjin u tas-soċjetà, u li l-azzjoni klimatika hi xprun għall-kompetittività industrijali. L-attivitajiet jenħtieġ

Test propost mill-Kummissjoni Ewropea	Emenda tal-KtR
li jkunu jirriflettu l-importanza li jiġi indirizzat it-tibdil fil-klima skont l-impenji tal-Unjoni li timplimenta l-Ftehim ta' Pariġi.	li jkunu jirriflettu l-importanza li jiġi indirizzat it-tibdil fil-klima skont l-impenji tal-Unjoni li timplimenta l-Ftehim ta' Pariġi. ***Il-missjonijiet tal-UE, waqt li jibnu fuq żviluppi fir-riċerka, għandhom isaħħu r-rabtiet mal-implimentazzjoni, ir-replikazzjoni u l-użu tal-investimenti fuq skala kbira, sabiex jimmassimizzaw l-impatt tagħhom fuq l-ekosistema tal-innovazzjoni, is-soċjetà, l-ekoloġija u l-ekonomija fl-Unjoni kollha.***

Raġuni

Il-missjonijiet tal-UE għandhom l-għan li jiksbu impatt sistemiku fil-partijiet kollha tal-Ewropa. Għarfien ġdid ibbażat fuq ir-riċerka, l-iżvilupp u l-innovazzjoni huwa essenzjali. Il-bliet u r-reġjuni diġà jaqdu rwol ewlieni fl-implimentazzjoni. It-tisħiħ tar-rabtiet mal-implimentazzjoni fil-prattika u l-investiment jiżgura riżultati reali u jappoġġja l-kompetittività u l-eżiti soċjetali.

Emenda 10

Premessa 29

Test propost mill-Kummissjoni Ewropea	Emenda tal-KtR
Hemm bżonn miżuri ta' appoġġ li jissaħħu u jikkollegaw aħjar l-ekosistemi tal-innovazzjoni. Dawn il-miżuri jenħtieġ li jappoġġaw lill-organizzazzjonijiet u lill-innovaturi biex joħolqu ekosistemi tal-innovazzjoni kompetittivi, sodi u konnessi u biex itejbu l-kundizzjonijiet qafas permezz ta' kooperazzjoni u skambju tal-għarfien. Dawn jenħtieġ li jgħinu għal kollegamenti bejn l-ekosistemi nazzjonali, reġjonali u lokali billi jneħħu l-ostakli fis-suq uniku bħall-frammentazzjoni tas-suq, l-aċċess limitat għall-kapital, u swieq kapitali nazzjonali segmentati, l-adozzjoni bil-mod tal-innovazzjoni, u l-użu insuffiċjenti tal-akkwist tal-innovazzjoni.	Hemm bżonn miżuri ta' appoġġ li jissaħħu u jikkollegaw aħjar l-ekosistemi tal-innovazzjoni. Dawn il-miżuri jenħtieġ li jappoġġaw lill-organizzazzjonijiet u lill-innovaturi biex joħolqu ekosistemi tal-innovazzjoni kompetittivi, sodi u konnessi u biex itejbu l-kundizzjonijiet qafas permezz ta' kooperazzjoni u skambju tal-għarfien. Dawn jenħtieġ li jgħinu għal kollegamenti bejn l-ekosistemi nazzjonali, reġjonali u lokali billi jneħħu l-ostakli fis-suq uniku bħall-frammentazzjoni tas-suq, l-aċċess limitat għall-kapital, u swieq kapitali nazzjonali segmentati, l-adozzjoni bil-mod tal-innovazzjoni, u l-użu insuffiċjenti tal-akkwist tal-innovazzjoni. ***L-għodod eżistenti bħall-Widien tal-innovazzjoni reġjonali, is-siġill ta' eċċellenza, Interreg u speċjalizzazzjoni intelliġenti mġedda (S3/S4) jenħtieġ li jinżammu fil-Programm li jmiss, flimkien mal-inizjattivi rilevanti tal-Missjoni Ewropea u ċ-Ċentri ta' Innovazzjoni Diġitali, peress li kollha jippromwovu n-networking fost l-ekosistemi tal-innovazzjoni. Dawn l-istrateġiji jenħtieġ li jkunu element vinkolanti fid-definizzjoni tal-prijoritajiet ta' investiment tal-Programm fil-livell reġjonali u interreġjonali. Jenħtieġ li tingħata attenzjoni partikolari lill-integrazzjoni tar-reġjuni b'konnettività strutturali aktar baxxa fin-networks Ewropej tal-għarfien u l-innovazzjoni, peress li l-pożizzjoni tagħhom tillimita l-aċċess għal kollaborazzjonijiet, flussi tal-għarfien u effetti kollaterali.***

Raġuni

Issaħħaħ l-emenda tal-KtR u tenfasizza l-każ uniku tar-reġjuni b'inqas konnettività strutturali fin-networks Ewropej tal-għarfien u l-innovazzjoni.

Emenda 11

Artikolu 2, Definizzjonijiet

Test propost mill-Kummissjoni Ewropea	Emenda tal-KtR
Għall-finijiet ta' dan ir-Regolament, japplikaw id-definizzjonijiet li ġejjin:	Għall-finijiet ta' dan ir-Regolament, japplikaw id-definizzjonijiet li ġejjin:
[...]	[...]
(23) "ekosistema tal-innovazzjoni" tfisser ekosistema li tiġbor flimkien, fil-livell tal-Unjoni, organizzazzjonijiet li l-għan funzjonali tagħhom huwa li jiffaċilitaw l-iżvilupp u l-innovazzjoni tat-teknoloġija u li tinkludi relazzjonijiet bejn riżorsi materjali (bħal fondi, tagħmir u faċilitajiet, inklużi infrastrutturi tar-riċerka u t-teknoloġija), entitajiet istituzzjonali (bħal istituzzjonijiet ta' edukazzjoni ogħla u servizzi ta' appoġġ, organizzazzjonijiet tar-riċerka u tat-teknoloġija, kumpaniji, investituri — inklużi kapitalisti ta' riskju — u intermedjarji finanzjarji) u entitajiet nazzjonali, reġjonali u lokali ta' tfassil ta' politika u ta' finanzjament.	(23) "ekosistema tal-innovazzjoni" tfisser ekosistema li tiġbor flimkien, fil-livell ***lokali, reġjonali, nazzjonali u*** tal-Unjoni, organizzazzjonijiet li l-għan funzjonali tagħhom huwa li jiffaċilitaw l-iżvilupp u l-innovazzjoni tat-teknoloġija u li tinkludi relazzjonijiet bejn riżorsi materjali (bħal fondi, tagħmir u faċilitajiet, inklużi infrastrutturi tar-riċerka u t-teknoloġija), entitajiet istituzzjonali (bħal istituzzjonijiet ta' edukazzjoni ogħla u servizzi ta' appoġġ, organizzazzjonijiet tar-riċerka u tat-teknoloġija, ***is-sistemi tas-saħħa — bħala ambjenti privileġġjati għall-ġenerazzjoni tal-għarfien, il-validazzjoni u l-adozzjoni tal-innovazzjonijiet*** — kumpaniji, investituri — inklużi kapitalisti ta' riskju — u intermedjarji finanzjarji) u entitajiet nazzjonali, reġjonali u lokali ta' tfassil ta' politika u ta' finanzjament.
(24) "trijangolu tal-għarfien" tfisser il-ħolqien ta' networks bejn l-istituzzjonijiet edukattivi, l-organizzazzjonijiet tar-riċerka u n-negozju bl-għan li jinħolqu ekosistemi tal-innovazzjoni li jieħdu ħsieb il-ħolqien ta' perkors tal-innovazzjoni mill-bidu tal-innovazzjoni, l-edukazzjoni intraprenditorjali sal-ftuħ ta' negozji ġodda u t-tkabbir ta' negozji li qed jespandu.	(24) "trijangolu tal-għarfien" tfisser il-ħolqien ta' networks bejn l-istituzzjonijiet edukattivi, l-organizzazzjonijiet tar-riċerka u n-negozju bl-għan li jinħolqu ekosistemi tal-innovazzjoni li jieħdu ħsieb il-ħolqien ta' perkors tal-innovazzjoni mill-bidu tal-innovazzjoni, l-edukazzjoni intraprenditorjali sal-ftuħ ta' negozji ġodda u t-tkabbir ta' negozji li qed jespandu.
	(25) "spiral kwadruplu" tfisser serje ta' interazzjonijiet ta' erba' atturi ewlenin fis-sistema tal-innovazzjoni: ix-xjenza, l-awtoritajiet pubbliċi, l-industrija u s-soċjetà.

Raġuni

L-ekosistemi tal-innovazzjoni jikkomplementaw lil xulxin, u għalhekk kollha jridu jitqiesu f'Orizzont Ewropa. Waqt li t-trijangolu tal-għarfien huwa importanti, m'għandniex ninjoraw l-ispiral kwadruplu li jippermetti li l-inkużjoni tas-soċjetà fix-xjenza. Barra minn hekk, ir-rwol tas-sistemi tal-kura tas-saħħa fl-ekosistemi tal-innovazzjoni — bħala ambjenti tal-ħajja reali għar-riċerka u l-innovazzjoni, fejn tiġi ġġenerata l-evidenza, is-soluzzjonijiet jiġu vvalidati u l-adozzjoni tagħhom tiġi aċċellerata — jissaħħaħ, u b'hekk tittejjeb ir-rabta bejn l-iżvilupp teknoloġiku u l-applikazzjoni prattika f'konformità mal-objettivi tal-UE.

Emenda 12

Artikolu 3, Objettivi tal-Programm

Test propost mill-Kummissjoni Ewropea	Emenda tal-KtR
L-objettivi speċifiċi tal-Programm huma li:	L-objettivi speċifiċi tal-Programm huma li:
— Joħloq għarfien u ħiliet ta' kwalità għolja, u karrieri attraenti għar-riċerkaturi, u jappoġġa t-twettiq taż-Żona Ewropea tar-Riċerka (ŻER).	— Joħloq għarfien u ħiliet ta' kwalità għolja, u karrieri attraenti għar-riċerkaturi, u jappoġġa t-twettiq taż-Żona Ewropea tar-Riċerka (ŻER).

Test propost mill-Kummissjoni Ewropea	Emenda tal-KtR
— Iżid ir-riċerka kollaborattiva u l-kondiviżjoni u l-valorizzazzjoni tal-għarfien madwar l-UE u internazzjonali.	— Iżid ir-riċerka kollaborattiva u l-kondiviżjoni u l-valorizzazzjoni tal-għarfien madwar l-UE u internazzjonali.
— Jallinja l-prijoritajiet tal-UE, nazzjonali u reġjonali biex joħloq ekosistema pan-Ewropea tar-riċerka u l-innovazzjoni.	— Jallinja l-prijoritaiet tal-UE, nazzjonali u reġjonali ***dwar ir-riċerka u l-innovazzjoni*** biex joħloq ekosistema pan-Ewropea ***b'saħħitha*** tar-riċerka u l-innovazzjoni***, inkluż billi jsaħħaħ l-aċċess għall-infrastrutturi tar-riċerka u t-teknoloġija għall-industrija, l-SMEs u l-istart-ups, biex jappoġġaw l-innovazzjoni, l-ittestjar, id-dimostrazzjoni u l-applikazzjoni tas-soluzzjonijiet fuq skala akbar.***
	— ***Jgħin biex jikbru l-ekosistemi tal-innovazzjoni reġjonali u lokali minn isfel għal fuq billi jsaħħaħ ukoll ir-rabtiet bejniethom.***
	— ***Irawwem l-iżvilupp ta' ekosistemi ta' intraprenditorija innovattivi Ewropej, billi jappoġġa l-ħolqien, it-tkabbir u l-espansjoni tal-istart-ups u l-integrazzjoni tagħhom fl-ekosistemi lokali, reġjonali u Ewropej.***
— Inaqqas id-disparitajiet nazzjonali u reġjonali fil-kapaċità tar-riċerka u l-innovazzjoni, fil-ħiliet u fit-talent biex issaħħaħ l-ekosistemi tal-innovazzjoni.	— Inaqqas id-disparitajiet nazzjonali u reġjonali fil-kapaċità tar-riċerka u l-innovazzjoni, fil-ħiliet u fit-talent biex issaħħaħ l-ekosistemi tal-innovazzjoni ***jiġu appoġġati b'mod effettiv "oqsma ta' eċċellenza" speċjalment f'reġjuni inqas żviluppati, rurali u periferiċi, bl-użu tat-tabella ta' valutazzjoni tal-innovazzjoni reġjonali bħala punt ta' riferiment għad-deċiżjonijiet tat-tkabbir***.
	— ***Itejjeb il-pożizzjoni tal-Unjoni fl-innovazzjoni, b'enfasi speċifika fuq it-teknoloġiji strateġiċi u l-innovazzjoni fixkiela, jiffaċilita t-tixrid ta' soluzzjonijiet innovattivi b'attivitajiet ta' standardizzazzjoni biex irawwem il-kompetittività u jindirizza sfidi soċjetali ewlenin.***
	— ***Issaħħaħ l-iskalar u l-użu tal-Missjonijiet tal-UE billi jsaħħaħ ir-rwol tagħhom fil-mobilizzazzjoni tal-innovazzjoni, l-investiment u l-implimentazzjoni koordinata fis-setturi u l-livelli ta' governanza kollha, waqt li tikkontribwixxi għal impatt trasformattiv f'livell ambizzjuż orjentat lejn il-futur.***
— Inaqqas ir-riskji u jimmobilizza aktar finanzjament privat għar-riċerka u l-innovazzjoni, b'mod partikolari biex jappoġġa t-teknoloġija profonda u l-espansjoni ta' negozji ġodda u SMEs innovattivi.	— Inaqqas ir-riskji u jimmobilizza aktar finanzjament privat għar-riċerka u l-innovazzjoni, b'mod partikolari biex jappoġġa t-teknoloġija profonda u l-espansjoni ta' negozji ġodda u SMEs innovattivi.
	— ***Jikkontribwixi biex jiżdied l-investiment pubbliku u privat fir-riċerka u l-innovazzjoni fl-Istati Membri, li jikkontribwixxi biex tintlaħaq il-mira ta' nefqa globali ta' mill-inqas 3 % tal-Prodott Domestiku Gross ("PDG") tal-Unjoni fir-riċerka u l-iżvilupp.***

Test propost mill-Kummissjoni Ewropea	Emenda tal-KtR
	— ***Irawwem ir-replikazzjoni, l-adattament u t-trasferiment bejn ir-reġjuni ta' soluzzjonijiet innovattivi ta' suċċess, b'mod partikolari bejn il-bliet u r-reġjuni Ewropej, sabiex ikun hemm l-aqwa impatt u skalabbiltà tal-investimenti tal-Unjoni.***
	— ***Jippromwovi l-monitoraġġ ibbażat fuq indikaturi reġjonali biex jitkejlu l-parteċipazzjoni, ir-ritorn u l-impatt territorjali tal-Programm.***

Raġuni

Biex tilħaq l-għanijiet tagħha, l-UE trid issaħħaħ l-implimentazzjoni fuq il-post. Dan jeħtieġ li jiġi enfasizzat ir-rwol tal-infrastrutturi tar-riċerka u t-teknoloġija fl-innovazzjoni reġjonali. Aċċess aħjar għall-kumpaniji jappoġġja lill-SMEs, isaħħaħ l-ekosistemi u jsaħħaħ il-kapaċità tal-innovazzjoni fir-reġjuni kollha tal-UE. Il-proposta hija li jiġu previsti mekkaniżmi ta' monitoraġġ territorjali. It-tabella ta' Valutazzjoni tal-Innovazzjoni Reġjonali hija għodda ppruvata u xprunata mid-data, li tirrifletti d-disparitajiet sottonazzjonali aħjar mill-indikaturi fil-livell nazzjonali waħidhom, u għalhekk għandha sservi bħala parametru referenzjali għad-deċiżjonijiet tat-twessigħ tal-parteċipazzjoni.

Emenda 13

Artikolu 4, Struttura tal-Programm

Test propost mill-Kummissjoni Ewropea	Emenda tal-KtR
(c) Il-Parti III "Innovazzjoni", bil-komponenti li ġejjin, b'mod partikolari: (i) il-Kunsill Ewropew tal-Innovazzjoni (EIC); (ii) Ekosistemi tal-innovazzjoni, inklużi attivitajiet li jrawmu l-integrazzjoni tat-trijangolu tal-għarfien — l-edukazzjoni ogħla, ir-riċerka u l-innovazzjoni, u n-negozju — madwar l-Unjoni.	(c) Il-Parti III "Innovazzjoni", bil-komponenti li ġejjin, b'mod partikolari: (i) il-Kunsill Ewropew tal-Innovazzjoni (EIC); (ii) Ekosistemi tal-innovazzjoni inklużi attivitajiet li jrawmu l-integrazzjoni tat-trijangolu tal-għarfien — l-edukazzjoni għolja, ir-riċerka u l-innovazzjoni, u n-negozju — madwar l-Unjoni***, ir-reġjuni u l-lokalitajiet***.
(d) Il-Parti IV "Żona Ewropea tar-Riċerka", bil-komponenti li ġejjin, b'mod partikolari: (i) ir-riforma u t-titjib tas-sistema Ewropea tar-R&I; (ii) l-infrastrutturi tar-riċerka u t-teknoloġija; (iii) it-twessigħ tal-parteċipazzjoni u t-tixrid tal-eċċellenza.	(d) Il-Parti IV "Żona Ewropea tar-Riċerka", bil-komponenti li ġejjin, b'mod partikolari: (i) ir-riforma u t-titjib tas-sistema Ewropea tar-R&I ***bl-involviment tal-awtoritajiet lokali u reġjonali u l-applikazzjoni ta' approċċ ta' governanza f'diversi livelli***; (ii) l-infrastrutturi tar-riċerka u t-teknoloġija; (iii) it-twessigħ tal-parteċipazzjoni u t-tixrid tal-eċċellenza ***fil-livelli kollha ta' governanza***.

Raġuni

Ir-riċerka u l-innovazzjoni għandhom l-għeruq tagħhom fl-ekosistemi reġjonali tagħhom. L-appoġġ għall-iżvilupp ta' dawn l-ekosistemi u l-inkoraġġiment tal-interkonnessjoni tagħhom se jippermettu li l-aktar innovazzjoni kompetittiva tiżviluppa malajr.

Emenda 14

Artikolu 8, Finanzjament alternattiv, ikkombinat u kumulattiv

Test propost mill-Kummissjoni Ewropea	Emenda tal-KtR
Il-Programm għandu jiġi implimentat f'sinerġija ma' programmi oħra tal-Unjoni. ***Anki azzjoni li tkun irċeviet kontribuzzjoni tal-Unjoni minn programm ieħor tista' tirċievi kontribuzzjoni minn dan il-Programm.***	Il-Programm għandu jiġi implimentat f'sinerġija ma' programmi oħra tal-Unjoni***, nazzjonali u reġjonali, waqt li jiġu rispettati l-kompetenzi tal-awtoritajiet reġjonali b'responsabbiltajiet regolatorji jew strateġiċi għar-riċerka, l-innovazzjoni u l-iżvilupp ekonomiku, skont il-prinċipji tas-sussidjarjetà u l-governanza f'diversi livelli. Is-sinerġiji tal-programm mal-fond tal-FEK u l-PSNR jeħtieġ li jiġu ċċarati.***

Raġuni

Ir-referenza ġenerika għal "awtoritajiet lokali u reġjonali" ma tagħmilx distinzjoni bejn realtajiet istituzzjonali differenti ħafna.

Emenda 15

Artikolu 12, Il-Kunsill Ewropew għar-Riċerka

Test propost mill-Kummissjoni Ewropea	Emenda tal-KtR
L-ERC għandu jattira l-aktar riċerkaturi b'talent mid-dinja kollha u jistabbilixxi l-Unjoni bħala ċentru minn ta' quddiem fid-dinja għar-riċerka u l-innovazzjoni.	L-ERC għandu jattira l-aktar riċerkaturi b'talent mid-dinja kollha u jistabbilixxi l-Unjoni bħala ċentru minn ta' quddiem fid-dinja għar-riċerka u l-innovazzjoni. ***Se jinħoloq Status ta' Riċerkatur Ewropew biex jappoġġa riċerkaturi eċċellenti billi jiffaċilita l-attivitajiet tagħhom fl-Unjoni Ewropea kollha.***

Raġuni

L-eċċellenza fir-riċerka għandha tiġi żviluppata fl-Ewropa kollha. Status ta' riċerkatur Ewropew, li jiżgura t-triq tal-eċċellenza u jrawwem konnessjonijiet bejn ir-riċerkaturi, se jippermetti żieda fir-riżultati tar-riċerka u jista' jevita l-eżodu ta' mħuħ.

Emenda 16

Artikolu 14, Iċ-Ċentru Konġunt tar-Riċerka

Test propost mill-Kummissjoni Ewropea	Emenda tal-KtR
Iċ-Ċentru Konġunt tar-Riċerka għandu jipprovdi għarfien u xjenza indipendenti u bbażati fuq l-evidenza, filwaqt li jappoġġa l-politiki tal-UE biex iħallu impatt pożittiv fuq is-soċjetà.	Iċ-Ċentru Konġunt tar-Riċerka għandu jipprovdi għarfien u xjenza indipendenti u bbażati fuq l-evidenza, filwaqt li jappoġġa l-politiki tal-UE***, kif ukoll dawk nazzjonali u reġjonali,*** biex iħallu impatt pożittiv fuq is-soċjetà.

Raġuni

Il-ħidma taċ-Ċentru Konġunt tar-Riċerka hija importanti ħafna għar-reġjuni. Għandha titkompla ħidma komuni, permezz tal-KtR.

Emenda 17

Artikolu 15, Riċerka kollaborattiva

Test propost mill-Kummissjoni Ewropea	Emenda tal-KtR
4. Il-programm għandu jappoġġa attivitajiet biex jiġu indirizzati l-isfidi soċjetali globali fl-oqsma tat-tisħiħ tal-valuri demokratiċi u l-indirizzar tad-diżinformazzjoni, inkluż l-istat tad-dritt u d-drittijiet fundamentali; il-promozzjoni ta' trasformazzjonijiet soċjoekonomiċi li jikkontribwixxu għall-inklużjoni u t-tkabbir, l-indirizzar tal-isfidi demografiċi u interġenerazzjonali, inkluż minn perspettiva taż-żgħażagħ u inkluż il-ġestjoni tal-migrazzjoni u l-integrazzjoni tal-migranti.	4. Il-programm għandu jappoġġa attivitajiet biex jiġu indirizzati l-isfidi soċjetali globali fl-oqsma tat-tisħiħ tal-valuri demokratiċi u l-indirizzar tad-diżinformazzjoni, inkluż l-istat tad-dritt u d-drittijiet fundamentali; il-promozzjoni ta' trasformazzjonijiet soċjoekonomiċi li jikkontribwixxu għall-inklużjoni u t-tkabbir, l-indirizzar tal-isfidi demografiċi u interġenerazzjonali, inkluż minn perspettiva taż-żgħażagħ u inkluż il-ġestjoni tal-migrazzjoni u l-integrazzjoni tal-migranti. ***Għal dan l-għan, ix-xjenzi soċjali u studji umanistiċi, inklużi s-setturi kulturali u kreattivi, għandhom jiġu appoġġati b'mod espliċitu u adegwat fil-Programm kollu, inkluż fit-tfassil, l-implimentazzjoni u l-varar ta' azzjonijiet ta' riċerka u innovazzjoni li jindirizzaw sfidi tas-soċjetà ewlenin.***
5. Il-programm għandu jikkontribwixxi għall-Missjonijiet tal-UE b'mod partikolari permezz tal-identifikazzjoni ta' azzjonijiet ta' prijorità għall-finanzjament tar-R&I għall-iżvilupp ta' għarfien, teknoloġiji, servizzi u prodotti ġodda fid-dawl tal-għanijiet tagħhom. Il-finanzjament għall-Missjonijiet tal-UE stabbiliti skont l-Artikolu 8 tar-Regolament (UE) 2021/695 għandu jingħata abbażi ta' programmi ta' ħidma li jkopru sas-sena baġitarja 2030.	5. Il-programm għandu jikkontribwixxi għall-Missjonijiet tal-UE b'mod partikolari permezz tal-identifikazzjoni ta' azzjonijiet ta' prijorità għall-finanzjament tar-R&I għall-iżvilupp ta' għarfien, teknoloġiji, servizzi u prodotti ġodda fid-dawl tal-għanijiet tagħhom. Il-finanzjament għall-Missjonijiet tal-UE stabbiliti skont l-Artikolu 8 tar-Regolament (UE) 2021/695 għandu jingħata abbażi ta' programmi ta' ħidma li jkopru sas-sena baġitarja 2030***, b'involviment imsaħħaħ tal-awtoritajiet lokali u reġjonali fil-governanza tal-Missjonijiet tal-UE***. ***Għandha tingħata attenzjoni partikolari lir-rwol tal-bliet u r-reġjuni bħala spazji għall-implimentazzjoni ta' soluzzjonijiet innovattivi biex jiġu indirizzati l-isfidi urbani bħall-akkomodazzjoni, l-inklużjoni soċjali, il-mobbiltà sostenibbli, it-tranżizzjoni tal-enerġija u r-reżiljenza għall-klima.***

Raġuni

Ħafna proġetti ta' intraprenditorija innovattivi jiltaqgħu ma' diffikultajiet biex jissottomettu l-ewwel applikazzjoni għall-kreditu, u biex is-soluzzjonijiet tagħhom jiġu vvalidati mil-lat operazzjonali.

Emenda 18

Artikolu 17, Ekosistemi tal-Innovazzjoni

Test propost mill-Kummissjoni Ewropea	Emenda tal-KtR
1. Il-programm għandu jappoġġa lill-organizzazzjonijiet biex joħolqu ekosistemi tal-innovazzjoni u kundizzjonijiet ta' qafas kompetittivi, robusti u konnessi. Għal dan l-għan għandhom jiġu segwiti sinerġiji ma' programmi tal-Unjoni, nazzjonali u reġjonali.	1. Il-programm għandu jappoġġa lill-organizzazzjonijiet biex joħolqu ekosistemi tal-innovazzjoni u kundizzjonijiet ta' qafas kompetittivi, robusti u konnessi***, bħall-Widien tal-Innovazzjoni Reġjonali (RIVs)***. Għal dan l-għan għandhom

Test propost mill-Kummissjoni Ewropea	Emenda tal-KtR
	jiġu segwiti sinerġiji ma' programmi tal-Unjoni, nazzjonali u reġjonali. ***Barra minn hekk, l-innovazzjoni bbażata fuq il-post għandha l-għan li tixpruna t-tkabbir ekonomiku, ittejjeb il-kwalità tal-ħajja u tikkontribwixxi għall-iżvilupp sostenibbli fil-livell reġjonali u lokali, u għalhekk trid tiġi appoġġata wkoll. Il-Programm għandu jappoġġa wkoll l-innovazzjoni soċjali bħala mutur essenzjali tat-tkabbir inklużiv, il-koeżjoni territorjali u r-reżiljenza tas-soċjetà.***
2. Il-Programm għandu jappoġġa l-attivitajiet li jrawmu l-integrazzjoni tat-trijangolu tal-għarfien — l-edukazzjoni għolja, ir-riċerka u l-innovazzjoni, u n-negozju — madwar l-Unjoni.	2. Il-Programm għandu jappoġġa l-attivitajiet li jrawmu l-integrazzjoni tat-trijangolu tal-għarfien ***u l-ispiral kwadruplu*** — l-edukazzjoni għolja, ir-riċerka u l-innovazzjoni, in-negozju ***u s-soċjetà*** — madwar l-Unjoni.
	3. Dan il-Programm għandu jitwettaq b'politika ta' bilanċ u b'mod finanzjarju f'oqsma ta' prijorità u flussi ta' attività rilevanti.
	4. Il-Programm għandu jħeġġeġ l-użu strateġiku tal-akkwist pubbliku tal-innovazzjoni bħala għodda ewlenija għall-użu ta' soluzzjonijiet innovattivi fl-awtoritajiet lokali u reġjonali.
	5. Il-Programm għandu jappoġġa l-iżvilupp ta' proġetti pilota u ta' dimostrazzjoni fuq skala kbira mmexxija mill-bliet u r-reġjuni, kif ukoll it-tisħiħ ta' ekosistemi ta' intraprenditorija innovattiva, l-iffaċilitar tal-aċċess tal-istart-ups u l-kumpaniji scale-up għall-finanzi, l-infrastrutturi għall-esperimentazzjoni, in-networks internazzjonali u l-ewwel klijenti, b'mod partikolari permezz tal-użu strateġiku tal-akkwist pubbliku tal-innovazzjoni.
	6. Il-Programm għandu jinkoraġġixxi wkoll l-iżvilupp ta' strumenti ta' innovazzjoni miftuħa li jiffaċilitaw il-kollaborazzjoni bejn l-amministrazzjonijiet pubbliċi, in-negozji, l-universitajiet, iċ-ċentri ta' riċerka, l-istart-ups u s-soċjetà ċivili, b'mod partikolari permezz ta' pjattaformi kollaborattivi, ambjenti ta' esperimentazzjoni u programmi ta' innovazzjoni miftuħa mmexxija mill-bliet u r-reġjuni.
	7. Il-Programm għandu jippromwovi wkoll l-integrazzjoni attiva tar-reġjuni b'konnettività strutturali aktar baxxa fin-networks Ewropej u internazzjonali tal-għarfien u l-innovazzjoni, waqt li jiffaċilita l-parteċipazzjoni tagħhom f'konsorzji u l-pożizzjonament tagħhom f'żoni strateġiċi emerġenti.

Raġuni

L-ekosistemi tal-innovazzjoni reġjonali jirrappreżentaw, fuq l-iskala tagħhom, xi trid tkun l-innovazzjoni fil-livell Ewropew. Dawn l-ekosistemi jridu jiġu appoġġjati mill-Ewropa sabiex jiġu żviluppati, jiġu konnessi u jinħolqu ekosistemi Ewropej. L-akkwist pubbliku jirrappreżenta għodda ewlenija biex tiġi ġġenerata d-domanda għall-innovazzjoni u jiġi ffaċilitat id-dħul fis-suq ta' soluzzjonijiet ġodda. L-innovazzjoni miftuħa tagħmilha possibbli li jitħaffef il-pass tat-trasferiment tal-għarfien u l-adozzjoni ta' soluzzjonijiet innovattivi. It-titjib tal-parteċipazzjoni reġjonali fil-Programm jeħtieġ azzjoni simultanja fuq żewġ dimensjonijiet komplementari: minn naħa waħda, it-tisħiħ tal-kapaċitajiet interni għall-aċċess, il-ġestjoni, il-valorizzazzjoni u l-intraprenditorija xjentifika; min-naħa l-oħra, integrazzjoni aħjar tar-reġjuni inqas konnessi fin-Networks Ewropej tal-Għarfien u l-Innovazzjoni, li minnhom jiddependu ħafna l-kollaborazzjonijiet, il-konsorzji u l-effetti kollaterali.

Emenda 19

Artikolu 18, Iż-Żona Ewropea tar-Riċerka u l-infrastrutturi

Test propost mill-Kummissjoni Ewropea	Emenda tal-KtR
2. Il-Programm għandu jiżgura l-promozzjoni u l-protezzjoni effettivi tal-valuri u l-prinċipji taż-ŻER u l-Patt għar-riċerka u l-innovazzjoni, b'mod partikolari l-etika u l-integrità fir-riċerka u l-innovazzjoni, il-libertà tar-riċerka xjentifika u l-ugwaljanza bejn il-ġeneri u l-opportunitajiet indaqs, u l-promozzjoni ta' karrieri attraenti fir-riċerka u l-mobbiltà. Il-finanzjament tal-Infrastrutturi tar-Riċerka u t-Teknoloġija għandu jikkontribwixxi biex ***l-***Unjoni ***tiġi mgħammra*** b'ekosistema b'saħħitha u koerenti ta' faċilitajiet u servizzi sostenibbli ta' klassi dinjija, li ***tibni*** fuq infrastrutturi pan-Ewropej prijoritizzati ***u kapaċitajiet nazzjonali*** komplementari tal-ogħla livell ta' żvilupp tekniku u bl-użu ta' strumenti ta' finanzjament, inklużi sħubijiet Ewropej. Il-Programm għandu jikkontribwixxi sa 20 % tal-kostijiet tal-bini ta' kapaċitajiet kritiċi ġodda ta' klassi dinjija tal-infrastrutturi Ewropej tar-riċerka u t-teknoloġija.	2. Il-Programm għandu jiżgura l-promozzjoni u l-protezzjoni effettivi tal-valuri u l-prinċipji taż-ŻER u l-Patt għar-riċerka u l-innovazzjoni, b'mod partikolari l-etika u l-integrità fir-riċerka u l-innovazzjoni, il-libertà tar-riċerka xjentifika u l-ugwaljanza bejn il-ġeneri u l-opportunitajiet indaqs, u l-promozzjoni ta' karrieri attraenti fir-riċerka ***u l-innovazzjoni,*** u l-mobbiltà. Il-finanzjament tal-Infrastrutturi tar-Riċerka u t-Teknoloġija għandu jikkontribwixxi biex ***jgħammar lill-***Unjoni ***u lill-Istati Membri tagħha*** b'ekosistema b'saħħitha u koerenti ta' faċilitajiet u servizzi sostenibbli ta' klassi dinjija, li ***jibnu*** fuq infrastrutturi pan-Ewropej prijoritizzati ***madwar l-Unjoni u aċċessibbli għall-partijiet ikkonċernati kollha, inklużi l-SMEs, il-kumpaniji start-up, is-sistemi tas-saħħa u l-ispin-offs tagħhom. Din l-infrastruttura se tkun*** komplementari ***għall-kapaċitajiet nazzjonali u reġjonali*** tal-ogħla livell ta' żvilupp tekniku u bl-użu ta' strumenti ta' finanzjament, inklużi sħubijiet Ewropej. Il-Programm għandu jikkontribwixxi sa 20 % tal-kostijiet tal-bini ta' kapaċitajiet kritiċi ġodda ta' klassi dinjija tal-infrastrutturi Ewropej tar-riċerka u t-teknoloġija.

Raġuni

Il-bliet u r-reġjuni jiffinanzjaw l-infrastrutturi tar-riċerka u jippromovu l-iżvilupp ta' infrastrutturi ġodda ta' valur fil-livell nazzjonali u Ewropew. Barra minn hekk, dawn l-infrastrutturi jridu jibqgħu aċċessibbli għall-SMEs u l-istart-ups, kif ukoll għas-sistemi tas-saħħa u l-ispin-offs tagħhom, peress li jikkostitwixxu ambjenti ġenwini ta' riċerka u innovazzjoni li fihom jiġu żviluppati innovazzjonijiet trasformattivi.

Emenda 20

Artikolu 19, Twessigħ

Test propost mill-Kummissjoni Ewropea	Emenda tal-KtR
1. "Pajjiżi tat-twessigħ" huma l-Bulgarija, il-Kroazja, iċ-Ċekja, l-Ungerija, il-Latvja, il-Litwanja, il-Polonja, ir-Rumanija u s-Slovakkja għall-finijiet tal-finanzjament tal-azzjonijiet skont il-paragrafu 5, il-punti a) u b).	1. "Pajjiżi tat-twessigħ" huma l-Bulgarija, il-Kroazja, iċ-Ċekja, l-Ungerija, il-Latvja, il-Litwanja, il-Polonja, ir-Rumanija u s-Slovakkja għall-finijiet tal-finanzjament tal-azzjonijiet skont il-paragrafu 5, il-punti a) u b).
3. L-entitajiet legali stabbiliti f'pajjiżi tat-twessigħ tal-parteċipazzjoni jew f'pajjiżi fi tranżizzjoni biss għandhom ikunu eliġibbli bħala koordinaturi taħt il-komponent "twessigħ tal-parteċipazzjoni u tixrid tal-eċċellenza" tal-parti tal-Programm "Tisħiħ taż-ŻER".	3. L-entitajiet legali***, inklużi l-awtoritajiet lokali u reġjonali,*** stabbiliti f'pajjiżi tat-twessigħ tal-parteċipazzjoni jew f'pajjiżi fi tranżizzjoni ***u r-reġjuni ultraperiferiċi msemmija fl-Artikolu 355(1) tat-TFUE*** biss għandhom ikunu eliġibbli bħala koordinaturi taħt il-komponent "twessigħ tal-parteċipazzjoni u tixrid tal-eċċellenza" tal-parti tal-Programm "Tisħiħ taż-ŻER".

Test propost mill-Kummissjoni Ewropea	Emenda tal-KtR
4. Għall-pajjiżi assoċjati, l-entitajiet legali mil-lista ta' pajjiżi eliġibbli kif definiti abbażi ta' indikatur u ppubblikati fil-programm ta' ħidma għandhom ikunu eliġibbli bis-sħiħ bħala koordinaturi taħt dan il-komponent. ***L-entitajiet legali mir-reġjuni ultraperiferiċi kif definiti fl-Artikolu 349 tat-TFUE għandhom ikunu eliġibbli wkoll bħala koordinaturi taħt dan il-komponent u għandhom ikunu soġġetti għall-istess regoli li japplikaw għall-pajjiżi tat-twessigħ tal-parteċipazzjoni skont dan l-Artikolu, bl-eċċezzjoni tal-paragrafu 7.***	4. Għall-pajjiżi assoċjati, l-entitajiet legali mil-lista ta' pajjiżi eliġibbli kif definiti abbażi ta' indikatur u ppubblikati fil-programm ta' ħidma għandhom ikunu eliġibbli bis-sħiħ bħala koordinaturi taħt dan il-komponent.
5. It-"Twessigħ" jinkludi dan li ġej: (a) miżuri tal-bini tal-kapaċità; (b) miżuri li jappoġġaw in-networking, il-valorizzazzjoni tal-għarfien, il-ġlieda kontra l-eżodu ta' mħuħ u appoġġ iddedikat għall-Punti ta' Kuntatt Nazzjonali (NCP).	5. It-"Twessigħ" jinkludi dan li ġej: (a) miżuri tal-bini tal-kapaċità; (b) miżuri li jappoġġaw in-networking, il-valorizzazzjoni tal-għarfien, il-ġlieda kontra l-eżodu ta' mħuħ u appoġġ iddedikat għall-Punti ta' Kuntatt Nazzjonali (NCP).
6. Il-Programm għandu jassisti lill-pajjiżi ta' twessigħ u ta' tranżizzjoni biex iżidu l-parteċipazzjoni tagħhom u jippromwovu kopertura ġeografika wiesgħa fi proġetti kollaborattivi eċċellenti. Dawk l-isforzi għandhom jiġu riflessi b'miżuri proporzjonali mill-Istati Membri.	6. Il-Programm għandu jassisti lill-pajjiżi ta' twessigħ u ta' tranżizzjoni biex iżidu l-parteċipazzjoni tagħhom u jippromwovu kopertura ġeografika wiesgħa fi proġetti kollaborattivi eċċellenti. Dawk l-isforzi għandhom jiġu riflessi b'miżuri proporzjonali mill-Istati Membri ***u r-reġjuni u għandhom jikkontribwixxu wkoll għall-ġlieda kontra l-eżodu ta' mħuħ u jappoġġaw iż-żamma u ċ-ċirkolazzjoni tat-talent, speċjalment f'reġjuni inqas żviluppati, rurali, remoti u ultraperiferiċi***.
7. Mill-2030 'il quddiem, l-aċċess għal miżuri ta' bini tal-kapaċità ***huwa ristrett għal dawk il-pajjiżi li qed iwessgħu u li żiedu n-nefqa reali tagħhom tal-investiment pubbliku fir-riċerka u l-iżvilupp fl-aħħar sena magħrufa meta mqabbla mas-sena ta' qabel.***	7. Mill-2030 'il quddiem, l-aċċess għal miżuri ta' bini tal-kapaċità ***ser jiġi evalwat waqt li jitqiesu mhux biss l-isforz fuq skala nazzjonali, iżda wkoll l-evoluzzjoni tal-ekosistemi reġjonali u lokali ta' riċerka u innovazzjoni, abbażi ta' indikaturi territorjali rilevanti, inklużi l-oqfsa ta' indikaturi reġjonali ta' innovazzjoni, fejn adegwat***.

Raġuni

Ir-reġjuni ultraperiferiċi huma eliġibbli mill-perjodu 2021-2027 għal dan il-kapitolu fl-istess livell bħal dak tal-pajjiżi eliġibbli fil-livell nazzjonali. Dan ir-rikonoxximent ma joħroġx ċar mill-proposta tal-Kummissjoni Ewropea. L-emenda għandha l-għan li tiċċara dan il-punt.

Emenda 21

Artikolu 2, Objettivi operazzjonali

Test propost mill-Kummissjoni Ewropea	Emenda tal-KtR
2. Il-Programm Speċifiku għandu l-objettivi operazzjonali li ġejjin: (f) jgħaqqad u jiżviluppa l-infrastrutturi tar-riċerka u t-teknoloġija madwar iż-Żona Ewropea tar-Riċerka (ŻER) kollha u jipprovdi aċċess transnazzjonali; (g) jappoġġa l-ħolqien u l-espansjoni ta' negozji ġodda tat-teknoloġija profonda u innovattivi; (i) iżid	2. Il-Programm Speċifiku għandu l-objettivi operazzjonali li ġejjin: (f) jgħaqqad u jiżviluppa l-infrastrutturi tar-riċerka u t-teknoloġija madwar iż-Żona Ewropea tar-Riċerka (ŻER) kollha u jipprovdi aċċess transnazzjonali***, interreġjonali u transfruntier***; (g) jappoġġa l-ħolqien u l-espansjoni ta' negozji ġodda tat-

Test propost mill-Kummissjoni Ewropea	Emenda tal-KtR
il-parteċipazzjoni tal-organizzazzjoni tar-riċerka mill-pajjiżi tat-twessigħ tal-parteċipazzjoni u mill-pajjiżi ta' tranżizzjoni msemmija fl-Artikolu 19 tar-Regolament XXX [referenza għar-Regolament ta' Orizzont Ewropa]; (j) irawwem ix-xjenza miftuħa u jiżgura l-viżibbiltà għall-pubbliku u l-aċċess miftuħ għar-riżultati, meta dan ikun possibbli.	teknoloġija profonda u innovattivi; (i) iżid il-parteċipazzjoni tal-organizzazzjoni tar-riċerka mill-pajjiżi tat-twessigħ tal-parteċipazzjoni u mill-pajjiżi ta' tranżizzjoni msemmija fl-Artikolu 19 tar-Regolament XXX [referenza għar-Regolament ta' Orizzont Ewropa]; (j) irawwem ix-xjenza miftuħa u jiżgura l-viżibbiltà għall-pubbliku u l-aċċess miftuħ għar-riżultati, meta dan ikun possibbli***, inkluż permezz ta' azzjonijiet ta' promozzjoni tal-media bħala parti mix-Xjenza mas-Soċjetà u għaliha fil-livell lokali u reġjonali***.

Raġuni

L-iżvilupp ta' sistema ta' riċerka u innovazzjoni ta' eċċellenza dinjija ma jistax jinkiseb mingħajr il-livell lokali u reġjonali, u dan il-livell irid jitqies fl-implimentazzjoni ta' dawn l-objettivi.

Emenda 22

Artikolu 4, Programmi ta' ħidma

Test propost mill-Kummissjoni Ewropea	Emenda tal-KtR
2. Il-Kummissjoni għandha tadotta programmi ta' ħidma separati, permezz ta' atti ta' implimentazzjoni, għall-implimentazzjoni tal-azzjonijiet fil-komponenti li ġejjin, kif stabbilit fl-Artikolu 1(3): (a) il-Kunsill Ewropew tar-Riċerka (ERC), li għalih l-abbozz tal-programm ta' ħidma għandu jiġi stabbilit mill-Kunsill Xjentifiku tal-ERC skont l-Artikolu 7(9)(a)(ii), f'konformità mal-Artikolu 18(3). Il-Kummissjoni għandha titbiegħed mill-abbozz tal-programm ta' ħidma stabbilit mill-Kunsill Xjentifiku tal-ERC biss f'konformità mat-tieni subparagrafu tal-Artikolu 7(4); f'dak il-każ, il-Kummissjoni għandha tadotta l-programm ta' ħidma permezz ta' att ta' implimentazzjoni f'konformità mal-Artikolu 18(4); il-Kummissjoni għandha debitament tagħti r-raġunijiet għal dan; (b) il-Kunsill Ewropew tal-Innovazzjoni (EIC), li għalih għandu jitħejja l-programm ta' ħidma skont il-parir tal-Bord tal-EIC skont l-Artikolu 12(1)(b), f'konformità mal-Artikolu 18(4); (c) l-Azzjonijiet Marie Sklodowska-Curie (MSCA), l-isfidi soċjetali dinjin, il-Missjonijiet tal-UE, il-Faċilità tal-Bauhaus Ewropea l-Ġdida, l-ekosistemi tal-innovazzjoni, ir-riforma u t-tisħiħ tas-sistema Ewropea tar-R&I, l-infrastrutturi tar-riċerka u t-teknoloġija, it-twessigħ tal-parteċipazzjoni u t-tixrid tal-eċċellenza, f'konformità mal-Artikolu 18(4); (d) il-JRC (Ċentru Konġunt tar-Riċerka), li għalih il-programm ta' ħidma pluriennali għandu jikkunsidra l-opinjoni tal-Bord tal-Gvernaturi tal-JRC imsemmija fid-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 96/282/Euratom.	2. Il-Kummissjoni għandha tadotta programmi ta' ħidma separati, permezz ta' atti ta' implimentazzjoni, għall-implimentazzjoni ta' azzjonijiet taħt il-komponenti li ġejjin, kif stabbilit fl-Artikolu 1(3)***, u l-KtR għandu jiġi infurmat dwar dawn il-programmi ta' ħidma***: (a) il-Kunsill Ewropew tar-Riċerka (ERC), li għalih l-abbozz tal-programm ta' ħidma għandu jiġi stabbilit mill-Kunsill Xjentifiku tal-ERC skont l-Artikolu 7(9)(a)(ii), skont l-Artikolu 18(3). Il-Kummissjoni għandha titbiegħed mill-abbozz tal-programm ta' ħidma stabbilit mill-Kunsill Xjentifiku tal-ERC biss f'konformità mat-tieni subparagrafu tal-Artikolu 7(4); f'dak il-każ, il-Kummissjoni għandha tadotta l-programm ta' ħidma permezz ta' att ta' implimentazzjoni f'konformità mal-Artikolu 18(4); il-Kummissjoni għandha debitament tagħti r-raġunijiet għal dan; (b) il-Kunsill Ewropew tal-Innovazzjoni (EIC), li għalih għandu jitħejja l-programm ta' ħidma skont il-parir tal-Bord tal-EIC skont l-Artikolu 12(1)(b), f'konformità mal-Artikolu 18(4); (c) l-Azzjonijiet Marie Sklodowska-Curie (MSCA), l-isfidi soċjetali dinjin, il-Missjonijiet tal-UE, il-Faċilità tal-Bauhaus Ewropea l-Ġdida, l-ekosistemi tal-innovazzjoni, ir-riforma u t-tisħiħ tas-sistema Ewropea tar-R&I, l-infrastrutturi tar-riċerka u t-teknoloġija, it-twessigħ tal-parteċipazzjoni u t-tixrid tal-eċċellenza, f'konformità mal-Artikolu 18(4)***. Għal dawn il-komponenti, il-Parlament Ewropew, il-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u l-Kumitat tar-Reġjuni għandhom jiġu inklużi fil-kumitati u l-bordijiet ta' programmazzjoni rilevanti; rappreżentanti tal-awtoritajiet lokali, b'mod partikolari dawk tal-bliet kbar għandhom jiġu inklużi wkoll***; (d) il-JRC (Ċentru Konġunt tar-Riċerka), li għalih il-programm ta' ħidma pluriennali għandu jikkunsidra l-opinjoni tal-Bord tal-Gvernaturi tal-JRC imsemmija fid-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 96/282/Euratom.

Raġuni

Ir-riċerka u l-innovazzjoni qed jiżviluppaw fil-livell lokali u reġjonali. Bis-saħħa tar-rabta mill-qrib tiegħu u l-għarfien tiegħu tal-ekosistemi tal-innovazzjoni, il-Kumitat Ewropew tar-Reġjuni, permezz tal-membri tiegħu, għandu l-leġittimità kollha meħtieġa biex ikun jista' jagħti l-opinjoni tiegħu dwar l-ipprogrammar tal-programm qafas.

Emenda 23

Artikolu 5, Is-Sħubijiet Ewropej

Test propost mill-Kummissjoni Ewropea	Emenda tal-KtR
1. (a)	1. (a)
iii. il-kompożizzjoni tas-sħab: sakemm ma jkunx debitament ġustifikat, hija meħtieġa l-parteċipazzjoni ta' entitajiet pubbliċi minn imqar ħames Stati Membri u entitajiet privati li jkunu jirrappreżentaw segmenti sostanzjali tal-ekosistemi rispettivi tagħhom, filwaqt li jiġi ***żgurat*** involviment wiesa' u bilanċjat tal-partijiet ikkonċernati ewlenin;	iii. il-kompożizzjoni tas-sħab: sakemm ma jkunx debitament ġustifikat ***u irrispettivament mid-daqs tagħhom***, hija meħtieġa l-parteċipazzjoni ta' entitajiet pubbliċi minn imqar ħames Stati Membri u entitajiet privati li jkunu jirrappreżentaw segmenti sostanzjali tal-ekosistemi rispettivi tagħhom, filwaqt li jiġi ***ggarantit*** involviment wiesa' u bilanċjat tal-partijiet ikkonċernati ewlenin;
xiii: il-monitoraġġ kontinwu għandu jinkludi t-traċċar tal-progress favur sett ta' indikaturi komuni speċifiċi għas-sħubija, inkluż il-kontributi tas-sħab, il-kosteffiċjenza, u l-ftuħ għal sħab ġodda. L-indikaturi komuni speċifiċi għas-sħubija għandhom jibnu fuq l-indikaturi komuni definiti skont ir-Regolament XXX [referenza għar-Regolament tal-Prestazzjoni] u stabbiliti fir-rapporti ta' monitoraġġ biennali dwar il-prestazzjoni tas-Sħubijiet Ewropej tul Orizzont Ewropa 2021-2027;	xiii: il-monitoraġġ kontinwu għandu jinkludi t-traċċar tal-progress favur sett ta' indikaturi komuni speċifiċi għas-sħubija, inkluż il-kontributi tas-sħab, il-kosteffiċjenza, u l-ftuħ għal sħab ġodda. L-indikaturi komuni speċifiċi għas-sħubija għandhom jibnu fuq l-indikaturi komuni definiti skont ir-Regolament XXX [referenza għar-Regolament tal-Prestazzjoni] u stabbiliti fir-rapporti ta' monitoraġġ biennali dwar il-prestazzjoni tas-Sħubijiet Ewropej tul Orizzont Ewropa 2021-2027; ***trid tiġi pprovduta preżentazzjoni annwali dwar is-sitwazzjoni attwali u s-segwitu tas-sħubijiet lill-istituzzjonijiet tal-UE, inkluż il-KtR***.

Raġuni

Il-membri ta' dawn is-sħubijiet huma parti mill-ekosistemi ekonomiċi u tal-innovazzjoni tar-reġjuni. Għal dan l-għan, il-Kumitat irid jiġi infurmat dwar dawn is-sħubijiet, l-iżvilupp tagħhom u l-eżitu tagħhom.

Emenda 24

Artikolu 6, Il-Kunsill Ewropew tar-Riċerka

Test propost mill-Kummissjoni Ewropea	Emenda tal-KtR
4. Il-President tal-ERC għandha taħtru l-Kummissjoni wara proċess trasparenti ta' reklutaġġ li jkun jinvolvi lil kumitat dedikat indipendenti ta' tiftix. Il-proċess tar-reklutaġġ u l-kandidat magħżul għandu japprovahom il-Kunsill Xjentifiku tal-ERC. Il-mandat tal-President tal-ERC għandu jkun limitat għal erba' snin, u jista' jiġġedded darba.	4. Il-President tal-ERC għandha taħtru l-Kummissjoni***, flimkien mal-Parlament Ewropew, il-Kunsill u istituzzjonijiet rilevanti oħra,*** wara proċess trasparenti ta' reklutaġġ li jkun jinvolvi lil kumitat indipendenti dedikat ta' tiftix. Il-proċess tar-reklutaġġ u l-kandidat magħżul għandu japprovahom il-Kunsill Xjentifiku tal-ERC. Il-mandat tal-President tal-ERC għandu jkun limitat għal erba' snin, u jista' jiġġedded darba.

Raġuni

Ir-riċerka u l-innovazzjoni jitwettqu fil-livell lokali u reġjonali. Bis-saħħa tar-rabta mill-qrib tiegħu u l-għarfien tiegħu tal-ekosistemi tal-innovazzjoni, il-Kumitat Ewropew tar-Reġjuni, permezz tal-membri tiegħu, għandu l-leġittimità kollha meħtieġa biex ikun jista' jagħti l-opinjoni tiegħu dwar din il-governanza.

Emenda 25

Artikolu 7, Il-Kunsill Xjentifiku tal-ERC

Test propost mill-Kummissjoni Ewropea	Emenda tal-KtR
9. c iii. jirrapporta b'mod regolari lill-Kummissjoni dwar l-attivitajiet tiegħu.	9. c iii. jirrapporta b'mod regolari lill-Kummissjoni ***u lill-Parlament Ewropew, kif ukoll lill-KESE u lill-KtR,*** dwar l-attivitajiet tiegħu.

Raġuni

Għar-raġunijiet ta' hawn fuq, il-Kumitat irid jiġi infurmat dwar l-iżvilupp u l-eżitu tal-attivitajiet tal-Kunsill Xjentifiku tal-ERC.

Emenda 26

Artikolu 9, L-Azzjonijiet Marie Sklodowska-Curie

Test propost mill-Kummissjoni Ewropea	Emenda tal-KtR
3. L-implimentazzjoni tal-MSCA għandha:	3. L-implimentazzjoni tal-MSCA għandha:
(b) jiżguraw sinerġiji strateġiċi mal-Kunsill Ewropew tar-Riċerka (ERC) iżda anki mal-istrumenti tal-Unjoni li jrawmu l-innovazzjoni, bħall-Kunsill Ewropew tal-Innovazzjoni (EIC) u l-attivitajiet li jrawmu l-integrazzjoni tat-trijangolu tal-għarfien — l-edukazzjoni ogħla, ir-riċerka u l-innovazzjoni, u n-negozju — madwar l-Unjoni kif ukoll programmi tal-Unjoni oħrajn bħall-Erasmus+;	(b) jiżguraw sinerġiji strateġiċi mal-Kunsill Ewropew tar-Riċerka (ERC) iżda anki mal-istrumenti tal-Unjoni li jrawmu l-innovazzjoni, bħall-Kunsill Ewropew tal-Innovazzjoni (EIC) u l-attivitajiet li jrawmu l-integrazzjoni tat-trijangolu tal-għarfien — l-edukazzjoni ogħla, ir-riċerka u l-innovazzjoni, u n-negozju — madwar l-Unjoni***, bl-involviment tal-awtoritajiet lokali u reġjonali,*** kif ukoll programmi tal-Unjoni oħrajn bħall-Erasmus+;
(c) jippromwovu l-bilanċ bejn ix-xogħol u l-ħajja privata, id-diversità u l-inklużjoni, filwaqt li jistabbilixxu standards għoljin għall-kundizzjonijiet tax-xogħol fiż-Żona Ewropea tar-Riċerka.	(c) jippromwovu l-bilanċ bejn ix-xogħol u l-ħajja privata, id-diversità u l-inklużjoni, ***u protezzjoni soċjali adegwata,*** filwaqt li jistabbilixxu standards għoljin għall-kundizzjonijiet tax-xogħol fiż-Żona Ewropea tar-Riċerka.

Raġuni

Il-bliet u r-reġjuni jiżviluppaw regolarment programmi ta' mentoraġġ għar-rebbieħa tal-azzjonijiet Marie Skłodowska-Curie u s-siġilli ta' eċċellenza. Huma jappoġġjaw dak li l-Ewropa tista' tagħmel biex tappoġġja lil dawn ir-riċerkaturi.

Emenda 27

Artikolu 10, Iċ-Ċentru Konġunt tar-Riċerka

Test propost mill-Kummissjoni Ewropea	Emenda tal-KtR
1. L-attivitajiet taċ-Ċentru Konġunt tar-Riċerka (JRC) għandhom ikunu komplementari għall-azzjonijiet indiretti li jappoġġaw objettivi ta' politika aktar fit-tul. Biex dan jinkiseb, il-JRC jaħdem ma' partijiet ikkonċernati internazzjonali, nazzjonali, reġjonali u lokali, inkluż bi ftehimiet ta' kollaborazzjoni xjentifika.	1. L-attivitajiet taċ-Ċentru Konġunt tar-Riċerka (JRC) għandhom ikunu komplementari għall-azzjonijiet indiretti li jappoġġaw objettivi ta' politika aktar fit-tul. Biex dan jinkiseb, il-JRC jaħdem ma' partijiet ikkonċernati internazzjonali, nazzjonali, reġjonali u lokali, inkluż bi ftehimiet ta' kollaborazzjoni xjentifika.
L-attivitajiet tal-JRC għandhom:	L-attivitajiet tal-JRC għandhom:
— ikunu flessibbli u jwieġbu għall-bżonnijiet evolventi ta' politika.	— ikunu flessibbli u jwieġbu għall-bżonnijiet evolventi ta' politika.
— jiżguraw sinerġija ma' investimenti oħra tal-UE.	— jiżguraw sinerġija ma' investimenti oħra tal-UE.
— jiffokaw fuq l-oqsma li ġejjin:	— jiffokaw fuq l-oqsma li ġejjin:
i. l-appoġġ xjentifiku u tekniku għall-prijoritajiet ta' politika tal-Unjoni, b'mod partikolari (iżda mhux limitat għal) dawk definiti fil-qafas tal-Fond Ewropew għall-Kompetittività u dawk definiti għall-partijiet I, II, III u IV tal-Programm Orizzont Ewropa;	i. l-appoġġ xjentifiku u tekniku għall-prijoritajiet ta' politika tal-Unjoni, b'mod partikolari (iżda mhux limitat għal) dawk definiti fil-qafas tal-Fond Ewropew għall-Kompetittività u dawk definiti għall-partijiet I, II, III u IV tal-Programm Orizzont Ewropa;
ii. l-integrazzjoni tal-għarfien u l-impatt tal-politika;	ii. l-integrazzjoni tal-għarfien u l-impatt tal-politika;
iii. l-iżvilupp territorjali u l-appoġġ tal-Istati Membri;	iii. l-iżvilupp territorjali***, l-innovazzjoni bbażata fuq il-post, inkluża speċjalizzazzjoni intelliġenti mġedda (S3/S4)*** u l-appoġġ tal-Istati Membri;
iv. l-eċċellenza xjentifika u l-kollaborazzjoni internazzjonali;	iv. l-eċċellenza xjentifika u l-kollaborazzjoni internazzjonali;
v. ix-xjenza miftuħa, il-kondiviżjoni tal-għarfien u l-bini tal-kapaċitajiet.	v. ix-xjenza miftuħa, il-kondiviżjoni tal-għarfien u l-bini tal-kapaċitajiet ***fil-livelli kollha ta' governanza u bejn il-fruntieri***.

Raġuni

L-istrateġiji ta' speċjalizzazzjoni intelliġenti (S3/S4) huma għodda ewlenija għall-eċċellenza fl-innovazzjoni lokali u reġjonali. Il-ħidma konġunta bejn il-Kumitat u l-JRC trid tkompli u tippermetti lir-reġjuni jispeċifikaw aktar il-qasam ta' speċjalizzazzjoni tagħhom.

Emenda 28

Artikolu 11, Riċerka kollaborattiva

Test propost mill-Kummissjoni Ewropea	Emenda tal-KtR
(b) (i)	(b) (i)
il-promozzjoni tal-inklużjoni soċjali, it-trasformazzjonijiet soċjali u ekonomiċi, soċjetajiet inklużivi u l-koeżjoni soċjali, u l-indirizzar tal-inugwaljanzi biex jinħolqu opportunitajiet	il-promozzjoni tal-inklużjoni soċjali, it-trasformazzjonijiet soċjali u ekonomiċi, soċjetajiet inklużivi u l-koeżjoni soċjali ***u l-ugwaljanza bejn il-ġeneri***, u l-indirizzar tal-inugwaljanzi biex jinħolqu opportunitajiet għal kulħadd, filwaqt li jitqiesu l-ispeċifiċitajiet taż-żoni rurali, jiġu indirizzati t-tibdil demografiku u l-ġustizzja interġenerazzjonali, inkluż migrazzjoni u mobbiltà ġestiti tajjeb, jiġu appoġġati s-saħħa ***inkluża s-saħħa*** mentali, u l-benesseri tas-soċjetà, inkluż għaż-żgħażagħ;

Test propost mill-Kummissjoni Ewropea	Emenda tal-KtR
għal kulħadd, filwaqt li jitqiesu l-ispeċifiċitajiet taż-żoni rurali, jiġu indirizzati t-tibdil demografiku u l-ġustizzja interġenerazzjonali, inkluż migrazzjoni u mobbiltà ġestiti tajjeb, jiġu appoġġati s-saħħa mentali u l-benesseri tas-soċjetà, inkluż għaż-żgħażagħ;	

Raġuni

L-ugwaljanza bejn il-ġeneri trid tkun prijorità f'Orizzont Ewropa, kemm f'termini ta' appoġġ għal riċerkaturi ta' eċċellenza kif ukoll f'suġġetti ta' riċerka. Barra minn hekk, din l-emenda ssaħħaħ ir-referenza għas-saħħa f'approċċ komprensiv, li jinkludi b'mod espliċitu s-saħħa mentali bħala komponent essenzjali tal-benesseri u l-koeżjoni soċjali.

Amendment 29

Artikolu 12, Il-Bord tal-Kunsill Ewropew tal-Innovazzjoni

Test propost mill-Kummissjoni Ewropea	Emenda tal-KtR
2. Il-Bord tal-EIC jista', meta jintalab mill-Kummissjoni, jindirizza rakkomandazzjonijiet lill-Kummissjoni dwar: (a) materji li minn perspettiva tal-innovazzjoni jistgħu jtejbu u jrawmu ekosistemi tal-innovazzjoni madwar l-Unjoni, il-kisbiet u l-impatt tal-objettivi tal-EIC u l-kapaċità ta' kumpaniji innovattivi li joħorġu bis-soluzzjonijiet tagħhom; (b) l-identifikazzjoni, b'kooperazzjoni mas-servizzi rilevanti tal-Kummissjoni, mal-awtoritajiet nazzjonali u reġjonali u entitajiet rilevanti oħra, ta' ostakli regolatorji possibbli li jiffaċċjaw l-intraprendituri, b'mod partikolari dawk li jingħataw appoġġ mill-EIC; (c) programmazzjoni f'partijiet oħra tal-Programm Speċifiku.	2. Il-Bord tal-EIC jista', meta jintalab mill-Kummissjoni, jindirizza rakkomandazzjonijiet lill-Kummissjoni dwar: (a) materji li minn perspettiva tal-innovazzjoni jistgħu jtejbu u jrawmu ekosistemi tal-innovazzjoni madwar l-Unjoni, ***f'konformità mal-ispeċjalizzazzjoni intelliġenti mġedda (S3/S4) u l-objettivi taż-Żona Ewropea tar-Riċerka (ŻER),*** il-kisbiet u l-impatt tal-objettivi tal-EIC u l-kapaċità ta' kumpaniji innovattivi li joħorġu bis-soluzzjonijiet tagħhom; (b) l-identifikazzjoni, b'kooperazzjoni mas-servizzi rilevanti tal-Kummissjoni, mal-awtoritajiet nazzjonali u reġjonali u entitajiet rilevanti oħra, ***inkluż il-KtR,*** ta' ostakli regolatorji possibbli li jiffaċċjaw l-intraprendituri, b'mod partikolari dawk li jingħataw appoġġ mill-EIC; (c) programmazzjoni f'partijiet oħra tal-Programm Speċifiku.

Raġuni

Minħabba r-rabta mill-qrib tiegħu u l-għarfien tal-ekosistemi tal-innovazzjoni, il-Kumitat Ewropew tar-Reġjuni, permezz tal-membri tiegħu, għandu l-leġittimità kollha meħtieġa biex ikun jista' jagħti l-opinjoni tiegħu b'mod sinifikanti dwar ir-rakkomandazzjonijiet magħmula mill-kumitat tal-EIC.

Emenda 30

Artikolu 13, Ekosistemi tal-Innovazzjoni

Test propost mill-Kummissjoni Ewropea	Emenda tal-KtR
Il-Programm Speċifiku għandu jappoġġa:	Il-Programm Speċifiku għandu jappoġġa:
(a) l-istabbiliment u l-appoġġ ta' ċentri konnessi madwar l-Unjoni, li lill-innovaturi, lin-negozji ġodda u lin-negozji li qed jespandu jagħtuhom aċċess għar-	(a) l-istabbiliment u l-appoġġ ta' ċentri konnessi madwar l-Unjoni, li lill-innovaturi, lin-negozji ġodda u lin-negozji li qed jespandu jagħtuhom aċċess għar-

Test propost mill-Kummissjoni Ewropea	Emenda tal-KtR
riżorsi, għas-servizzi u għas-sħab, inkluż opportunitajiet ta' investiment, l-ewwel xerrejja tar-R&I u soluzzjonijiet innovattivi, korporattivi, faċilitajiet ta' esperimentazzjoni, infrastrutturi tar-riċerka u tat-teknoloġija, talent intraprenditorjali, ikkowċjar u mentoraġġ;	riżorsi, għas-servizzi u għas-sħab, inkluż opportunitajiet ta' investiment, l-ewwel xerrejja tar-R&I u soluzzjonijiet innovattivi, korporattivi, faċilitajiet ta' esperimentazzjoni, infrastrutturi tar-riċerka u tat-teknoloġija, talent intraprenditorjali, ikkowċjar u mentoraġġ;
(b) attivitajiet għall-iżvilupp ta' ekosistemi pan-Ewropej tal-innovazzjoni f'oqsma tematiċi ewlenin, l-appoġġ għall-iżvilupp ta' ħiliet fl-innovazzjoni u l-bini tar-riskju fi stadju bikri, it-trawwim tal-integrazzjoni tat-trijangolu tal-għarfien ***u tal-ispiral kwadruplu*** — l-edukazzjoni għolja, ir-riċerka u l-innovazzjoni, u n-negozju ***u s-soċjetà*** — madwar l-Unjoni***, kif ukoll l-awtoritajiet lokali u reġjonali***;	(b) attivitajiet għall-iżvilupp ta' ekosistemi pan-Ewropej tal-innovazzjoni f'oqsma tematiċi ewlenin, l-appoġġ għall-iżvilupp ta' ħiliet fl-innovazzjoni u l-bini tar-riskju fi stadju bikri, it-trawwim tal-integrazzjoni tat-trijangolu tal-għarfien — l-edukazzjoni ogħla, ir-riċerka u l-innovazzjoni, u n-negozju — madwar l-Unjoni;
(c) programmi li jappoġġaw lill-SMEs innovattivi, in-negozji ġodda u l-negozji li qed jespandu, biex jikbru u jaċċessaw is-swieq internazzjonali bi studji dwar il-vijabbiltà tas-suq, għodod tal-innovazzjoni bbażati fuq il-post, riċerka u innovazzjoni kollaborattivi, skambju tat-talenti, mentoraġġ imfassal apposta, aċċess għal networks dinjin tal-investituri, gwida regolatorja, appoġġ għall-kummerċjalizzazzjoni lokalizzat, u servizzi ta' "soft-landing" fil-pajjiżi fil-mira;	(c) programmi li jappoġġaw lill-SMEs innovattivi, in-negozji ġodda u l-negozji li qed jespandu, biex jikbru u jaċċessaw is-swieq internazzjonali bi studji dwar il-vijabbiltà tas-suq, għodod tal-innovazzjoni bbażati fuq il-post, riċerka u innovazzjoni kollaborattivi, skambju tat-talenti, mentoraġġ imfassal apposta, aċċess għal networks dinjin tal-investituri, gwida regolatorja, appoġġ għall-kummerċjalizzazzjoni lokalizzat, u servizzi ta' "soft-landing" fil-pajjiżi fil-mira***, kif ukoll billi jissaħħu l-ekosistemi lokali tal-intraprenditorija innovattiva, li jipprovdu servizzi ta' inkubazzjoni, aċċellerazzjoni, aċċess għall-finanzi u konnessjoni mal-klijenti pubbliċi u privati;***
(d) azzjonijiet oħra li jappoġġaw l-iżvilupp tal-ekosistemi tal-innovazzjoni u l-konnettività, inkluż studji, valutazzjonijiet komparattivi, tagħlim reċiproku bejn l-atturi tal-innovazzjoni, u koordinazzjoni tal-politiki tal-innovazzjoni.	(d) ***strumenti biex jinħolqu ambjenti ta' esperimentazzjoni fid-dinja reali, inklużi laboratorji, ambjenti tal-ittestjar u ambjenti ta' esperimentazzjoni regolatorja, sabiex jitnaqqas iż-żmien għall-kummerċjalizzazzjoni u tiġi ffaċilitata l-adozzjoni ta' soluzzjonijiet innovattivi mill-amministrazzjonijiet pubbliċi, min-negozji u miċ-ċittadini***;
	(e) azzjonijiet oħra li jappoġġaw l-iżvilupp tal-ekosistemi tal-innovazzjoni ***billi jrawmu l-ħolqien ta' ekosistemi lokali u reġjonali ta' eċċellenza f'oqsma tematiċi ewlenin*** u l-konnettività, inkluż studji, valutazzjonijiet komparattivi, tagħlim reċiproku bejn l-atturi tal-innovazzjoni, u koordinazzjoni tal-politiki tal-innovazzjoni.

Raġuni

Fid-dawl tar-raġunijiet ta' hawn fuq, huwa adegwat li jiġi inkluż l-approċċ tal-ekosistema bbażat fuq l-ispiral kwadruplu, li jippermetti l-inklużjoni tas-soċjetà fix-xjenza, u l-kunsiderazzjoni tal-livell reġjonali u lokali fid-dawl tal-implimentazzjoni ta' dan il-programm. L-istrumenti ta' innovazzjoni miftuħa huma essenzjali biex joħolqu konnessjoni bejn il-provvista teknoloġika u d-domanda reali, inaqqsu l-ħinijiet tal-kummerċjalizzazzjoni u jsaħħu l-kompetittività tal-ekosistemi Ewropej tal-innovazzjoni. It-tranżizzjoni mir-riċerka għall-użu fil-prattika teħtieġ spazji reali għall-validazzjoni teknika, regolatorja u operazzjonali.

Emenda 31

Artikolu 15, Twessigħ tal-parteċipazzjoni u tixrid tal-eċċellenza

Test propost mill-Kummissjoni Ewropea	Emenda tal-KtR
Il-Programm Speċifiku għandu jappoġġa ekosistema tar-riċerka u tal-innovazzjoni verament integrata u koeżiva fl-Unjoni, filwaqt li jindirizza b'mod speċjali t-tielet u r-raba' oqsma ta' prijorità tal-Patt għar-R&I, ikattar l-aċċess għall-eċċellenza fir-riċerka u l-innovazzjoni madwar l-Unjoni, u jipprijoritizza l-investimenti u r-riformi. Id-disparitajiet bejn il-pajjiżi ewlenin u dawk inqas avvanzati f'termini ta' prestazzjoni tar-R&I għandhom jiġu indirizzati permezz ta' attivitajiet li jibnu bażi xjentifika soda li jgħaqqdu l-atturi u l-ekosistemi, u li jinkoraġġixxu riformi tal-politika strutturali fil-livell nazzjonali u reġjonali mmirati favur, ngħidu aħna, it-titjib tal-attraenza tal-karrieri fir-riċerka, l-internazzjonalizzazzjoni, l-effettività tal-ġestjoni u l-governanza tal-istituzzjonijiet tar-R&I jew it-tlaqqigħ tal-attivitajiet mal-inizjattivi tal-Unjoni.	Il-Programm Speċifiku għandu jappoġġa ekosistema tar-riċerka u tal-innovazzjoni verament integrata u koeżiva fl-Unjoni, filwaqt li jindirizza b'mod speċjali t-tielet u r-raba' oqsma ta' prijorità tal-Patt għar-R&I, ikattar l-aċċess għall-eċċellenza fir-riċerka u l-innovazzjoni madwar l-Unjoni, u jipprijoritizza l-investimenti u r-riformi. Id-disparitajiet bejn il-pajjiżi ***u reġjuni*** ewlenin u dawk inqas avvanzati f'termini ta' prestazzjoni tar-R&I għandhom jiġu indirizzati permezz ta' attivitajiet li jibnu bażi xjentifika soda li jgħaqqdu l-atturi u l-ekosistemi, u li jinkoraġġixxu riformi tal-politika strutturali fil-livell nazzjonali u reġjonali mmirati favur, ngħidu aħna, it-titjib tal-attraenza tal-karrieri fir-riċerka, l-internazzjonalizzazzjoni, l-effettività tal-ġestjoni u l-governanza tal-istituzzjonijiet tar-R&I jew it-tlaqqigħ tal-attivitajiet mal-inizjattivi tal-Unjoni. ***Dawn l-azzjonijiet għandhom jikkontribwixxu wkoll għall-ġlieda kontra l-eżodu ta' mħuħ u l-appoġġ għaż-żamma u ċ-ċirkolazzjoni tat-talent, speċjalment f'reġjuni inqas żviluppati, rurali, remoti u ultraperiferiċi.*** ***F'dan il-kuntest, il-bliet għandhom rwol ċentrali bħala ċentri li jikkollegaw l-ekosistemi tal-innovazzjoni, li jikkonċentraw it-talent, l-infrastrutturi ta' riċerka, l-istart-ups, l-intrapriżi, in-networks ta' investiment u s-servizzi ta' appoġġ għall-intraprenditorija innovattiva.***

Raġuni

Waqt li l-programm fil-livell nazzjonali jippermetti l-iżvilupp tar-riċerka fil-pajjiżi Ewropej kollha, wieħed m'għandux jinsa li fl-istess pajjiż hemm differenzi bejn ir-reġjuni. Barra minn hekk, il-fatt li dan il-programm ikun jista' jiġi implimentat f'dan il-livell (eż. bl-użu tat-tabella ta' valutazzjoni tal-innovazzjoni reġjonali bħala punt ta' riferiment) ikun kontribut utli għas-suċċess tiegħu.

Emenda 32

Artikolu 16, Infrastrutturi tar-riċerka

Test propost mill-Kummissjoni Ewropea	Emenda tal-KtR
2. L-attivitajiet tal-infrastrutturi tar-riċerka għandhom jiffukaw fuq: (a) l-iżvilupp, il-konsolidazzjoni u s-simplifikazzjoni tax-xenarju tal-Unjoni tal-infrastrutturi tar-riċerka, inkluż il-koordinazzjoni bejn il-kapaċitajiet tal-Unjoni ***u dawk*** nazzjonali u l-kontribuzzjoni sa 20 % tal-kostijiet biex jinbnew kapaċitajiet kritiċi ġodda ta' livell dinji; (b) it-tisħiħ tal-aċċess transnazzjonali għall-infrastrutturi tar-riċerka fl-oqsma u s-setturi kollha, u l-adattament għal komunitajiet ġodda ta' utenti emerġenti; (c) infrastrutturi tar-riċerka aktar reżiljenti u sostenibbli, li	2. L-attivitajiet tal-infrastrutturi tar-riċerka għandhom jiffukaw fuq: (a) l-iżvilupp, il-konsolidazzjoni u s-simplifikazzjoni tax-xenarju tal-Unjoni tal-infrastrutturi tar-riċerka, inkluż il-koordinazzjoni bejn il-kapaċitajiet tal-Unjoni***,*** nazzjonali ***u reġjonali*** u l-kontribuzzjoni sa 20 % tal-kostijiet biex jinbnew kapaċitajiet kritiċi ġodda ta' livell dinji***, filwaqt li jiġi rikonoxxut ukoll ir-rwol ta' ċerti territorji, inklużi r-reġjuni ultraperiferiċi, bħala ambjenti partikolarment adatti għall-ittestjar, id-dimostrazzjoni,***

Test propost mill-Kummissjoni Ewropea	Emenda tal-KtR
jimxu paripassu mal-avvanzi teknoloġiċi rapidi; (d) l-iżvilupp ta' network b'data tar-riċerka traċċabbli, aċċessibbli, interoperabbli, riużabbli (FAIR) u li tista' titħaddem minn magna, inkluż bit-twessigħ u l-konsolidazzjoni tal-Cloud Ewropew tax-Xjenza Miftuħa bħala l-ispazju tad-data tar-riċerka tal-Ewropa; (e) ir-rinfurzar tal-politika dwar l-infrastrutturi tar-riċerka Ewropej u l-kooperazzjoni internazzjonali.	***il-validazzjoni u l-ħolqien ta' prototipi ta' soluzzjonijiet innovattivi fil-prattika***; (b) it-tisħiħ tal-aċċess transnazzjonali għall-infrastrutturi tar-riċerka fl-oqsma u s-setturi kollha, u l-adattament għal komunitajiet ġodda ta' utenti emerġenti; (c) infrastrutturi tar-riċerka aktar reżiljenti u sostenibbli, li jimxu paripassu mal-avvanzi teknoloġiċi rapidi; (d) l-iżvilupp ta' network b'data tar-riċerka traċċabbli, aċċessibbli, interoperabbli, riużabbli (FAIR) u li tista' titħaddem minn magna, inkluż bit-twessigħ u l-konsolidazzjoni tal-Cloud Ewropew tax-Xjenza Miftuħa bħala l-ispazju tad-data tar-riċerka tal-Ewropa***, sabiex jiġu żgurati l-użu u l-valorizzazzjoni tad-data pubblika, inkluż mill-awtoritajiet u l-bliet lokali u reġjonali u jiġi żgurat aċċess territorjali ġust għall-benefiċċji ta' din l-infrastruttura madwar l-Unjoni***; (e) ir-rinfurzar tal-politika dwar l-infrastrutturi tar-riċerka Ewropej u l-kooperazzjoni internazzjonali.

Raġuni

Is-soċjetà ma tridx tkun biss reċipjent ta' skoperti xjentifiċi, iżda trid tkun involuta fir-riċerka li għandha impatt fuq l-abitanti tal-Ewropa. L-infrastrutturi tar-riċerka m'għandhomx jitqiesu biss bħala faċilitajiet fiżiċi, iżda wkoll bħala ekosistemi territorjali li kapaċi jaċċelleraw il-validazzjoni u d-dimostrazzjoni ta' soluzzjonijiet innovattivi. F'dan il-kuntest, ir-reġjuni ultraperiferiċi joffru kundizzjonijiet uniċi li jagħmluhom partikolarment adatti bħala laboratorji tal-ittestjar f'oqsma strateġiċi bħall-enerġija, l-ilma, l-adattament għat-tibdil fil-klima, il-bijodiversità jew l-ekonomija blu.

Emenda 33

Artikolu 18, Proċedura ta' kumitat

Test propost mill-Kummissjoni Ewropea	Emenda tal-KtR
2. Il-Kumitat jista' jiltaqa' fil-konfigurazzjonijiet li ġejjin, skont is-suġġett li jkun se jiġi diskuss:	2. Il-Kumitat***, li jinvolvi wkoll lill-Parlament Ewropew, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u lill-Kumitat tar-Reġjuni,*** jista' jiltaqa' fil-konfigurazzjonijiet li ġejjin, skont is-suġġett li jkun se jiġi diskuss:
— Konfigurazzjoni ġenerali: ħarsa ġenerali lejn l-implimentazzjoni tal-Programm Speċifiku;	— Konfigurazzjoni ġenerali: ħarsa ġenerali lejn l-implimentazzjoni tal-Programm Speċifiku;
— l-ERC;	— l-ERC;
— l-MSCA;	— l-MSCA;
— l-isfidi soċjetali dinjin, il-Missjonijiet tal-UE, il-Faċilità tal-Bauhaus Ewropea l-Ġdida;	— l-isfidi soċjetali dinjin, il-Missjonijiet tal-UE, il-Faċilità tal-Bauhaus Ewropea l-Ġdida;
— l-EIC u l-ekosistemi tal-innovazzjoni;	— l-EIC u l-ekosistemi tal-innovazzjoni;

Test propost mill-Kummissjoni Ewropea	Emenda tal-KtR
— l-infrastrutturi tar-riċerka u tat-teknoloġija;	— l-infrastrutturi tar-riċerka u tat-teknoloġija;
— ir-riforma u t-titjib tas-sistema Ewropea tar-R&I u t-twessigħ tal-parteċipazzjoni u d-disseminazzjoni tal-eċċellenza.	— ir-riforma u t-titjib tas-sistema Ewropea tar-R&I u t-twessigħ tal-parteċipazzjoni u d-disseminazzjoni tal-eċċellenza.

Raġuni

Il-KtR, li huwa infurmat tajjeb ħafna dwar ir-riċerka li qed titwettaq fil-livell lokali u reġjonali, irid ikun involut f'dan il-kumitat sabiex ikun jista' jikkontribwixxi bl-għarfien tiegħu dwar il-qasam.

II. **RAKKOMANDAZZJONIJIET TA' POLITIKA**

IL-KUMITAT EWROPEW TAR-REĠJUNI (KtR)

L-iżgurar ta' baġit stabbli u ambizzjuż għal R&I eċċellenti u kompetittivi

1. jitlob li l-baġit tal-programm qafas kif propost ikun allokazzjoni minima li taqbel mal-ambizzjonijiet stabbiliti mill-Unjoni permezz tal-aġenda tal-innovazzjoni l-ġdida tagħha u l-istrateġija tagħha għall-infrastrutturi tar-riċerka u t-teknoloġija b'mod partikolari; jenfasizza li l-programm qafas irid jibqa' strument indipendenti għal Ewropa kompetittiva, sostenibbli, ġusta u soċjalment inklużiva kif ukoll għat-tmexxija teknoloġika u l-awtonomija strateġika Ewropej;

2. jitlob li l-baġit jitfassal b'tali mod li jkun ankrat fi stabbiltà reżistenti għall-kriżijiet, u b'hekk ikun protett minn aġġustamenti għall-benefiċċju ta' programmi u inizjattivi strateġiċi Ewropej oħra; barra minn hekk, jitlob li l-finanzjament tal-Programm Qafas jintuża biex tiżdied l-eċċellenza xjentifika, titrawwem l-innovazzjoni rivoluzzjonarja u b'hekk tissaħħaħ ekosistema tar-riċerka u l-innovazzjoni kompetittiva globalment, u jissottolinja f'dan ir-rigward l-importanza tar-riċerka fundamentali bħala faċilitatur ewlieni tat-teknoloġiji abilitanti essenzjali;

3. ifakkar li r-riċerka u l-innovazzjoni mhumiex għan fihom infushom, iżda jridu jikkontribwixxu għat-titjib konkret tal-kwalità tal-ħajja taċ-ċittadini, it-tisħiħ tal-koeżjoni ekonomika, soċjali u territorjali, l-appoġġ għal servizzi pubbliċi ta' kwalità u r-rispons għat-tranżizzjonijiet ekoloġiċi, diġitali u demografiċi ewlenin b'mod ġust, waqt li tiġi żgurata rabta aktar b'saħħitha bejn ir-riċerka, l-innovazzjoni, l-introduzzjoni fis-suq u l-impatt soċjetali, u jkunu possibbli applikazzjoni fuq skala akbar u aktar rapida tas-soluzzjonijiet u mobilizzazzjoni akbar tal-investiment privat u pubbliku;

Lejn strutturar aktar inklużiv tal-programm qafas

4. jilqa' l-istruttura proposta tal-programm qafas. Madankollu, il-Kumitat jinnota li x-xjenzi soċjali u l-istudji umanistiċi jistgħu jiġu integrati aħjar, u li x-xjenza taċ-ċittadini tista' titqies aktar permezz tad-diversi pilastri u programmi tagħha. Wara kollox, dawn huma wkoll xpruni ewlenin għall-adozzjoni tal-innovazzjoni, għall-potenzjal tagħha li tittrasforma s-soċjetà u għat-tisħiħ tad-demokrazija, il-ħsieb kritiku, il-ġlieda kontra d-diżinformazzjoni u r-reżiljenza tas-soċjetajiet Ewropej;

5. jitlob li l-ugwaljanza bejn il-ġeneri tiġi integrata fil-programm qafas kollu, kemm fil-governanza, fl-istabbiliment tal-prijoritajiet u fil-kontenut tar-riċerka, kif ukoll fil-kundizzjonijiet ta' parteċipazzjoni u fil-karrieri xjentifiċi. Il-Kumitat jappoġġja miżuri aktar b'saħħithom biex jiġu indirizzati l-inugwaljanzi persistenti fis-setturi tar-riċerka u l-innovazzjoni;

6. jesprimi dispjaċir għall-fatt li l-programm qafas jiffavorixxi approċċ nazzjonali għall-implimentazzjoni tal-programm "twessigħ tal-parteċipazzjoni u tixrid tal-eċċellenza", waqt li t-tnaqqis tad-distakk fl-innovazzjoni fl-Unjoni jrid jiġi indirizzat fil-livell tal-ekosistemi tal-innovazzjoni, li fil-biċċa l-kbira joriġinaw minn ekosistemi reġjonali u lokali;

7. jilqa' l-fatt li r-riċerka dwar is-saħħa se tkun prijorità tematika fil-programm qafas, iżda jitlob li r-riċerka f'dan il-qasam ma tkunx ankrata biss fil-qasam tal-kompetittività, iżda wkoll fil-qasam soċjali, b'mod partikolari fir-rigward tas-saħħa pubblika;

8. jipproponi, fid-dawl ta' dak li ntqal hawn fuq, li tintuża l-istess tabella ta' valutazzjoni tal-innovazzjoni reġjonali biex jiġu implimentati azzjonijiet ta' twessigħ tal-parteċipazzjoni fil-livell reġjonali u lokali u biex jitqiesu l-bżonnijiet speċifiċi u l-kapaċitajiet ta' innovazzjoni tar-reġjuni differenti;

L-implimentazzjoni tal-programm qafas b'appoġġ qawwi mill-ekosistemi tal-innovazzjoni lokali u reġjonali tiegħu

9. ifakkar li l-ekosistemi tal-innovazzjoni reġjonali u lokali, li huma fil-qalba tal-innovazzjoni fl-Unjoni Ewropea, qed joħolqu parteċipanti futuri fil-programm qafas, u jitlob li t-tisħiħ tal-eċċellenza tagħhom ikun assoċjat bis-sħiħ mal-implimentazzjoni tal-objettivi strateġiċi, u jenfasizza r-rwol kruċjali tal-kumpaniji, inklużi l-SMEs u l-kumpaniji scale-up, fl-ekosistemi tal-innovazzjoni, waqt li jappella għal oqfsa aktar b'saħħithom biex jattiraw l-investiment privat u jappoġġjaw il-ħolqien u l-espansjoni tan-negozju;

10. jafferma mill-ġdid ir-rwol ewlieni li jaqdu l-bliet u r-reġjuni fl-eċċellenza xjentifika u teknoloġika tal-Unjoni, kemm bil-politika ta' koeżjoni kif ukoll permezz tal-parteċipazzjoni tagħhom fi proġetti rilevanti għall-programmi qafas differenti, u fl-istess ħin jibnu l-pedament għat-tfassil, ir-riċerka, l-iżvilupp, il-produzzjoni u t-tixrid tal-għarfien, il-valorizzazzjoni ta' dan l-għarfien u l-innovazzjonijiet tal-futur li huma ta' benefiċċju għas-soċjetà u l-ambjent;

11. jitlob, għalhekk, l-involviment u l-parteċipazzjoni attivi tal-bliet, ir-reġjuni u l-ekosistemi tagħhom fl-istrutturi ta' governanza u implimentazzjoni tal-programm qafas, kif ukoll fis-sistemi kollha ta' appoġġ għall-ekosistemi tal-innovazzjoni li se jintużaw f'dan il-qafas, bħaċ-Ċentri Ewropej għall-kumpaniji start-up u scale-up;

12. jitlob is-semplifikazzjoni tal-programm qafas għall-benefiċċju effettiv tal-universitajiet, l-awtoritajiet lokali u reġjonali, l-organizzazzjonijiet pubbliċi tar-riċerka, is-sistemi tas-saħħa, l-SMEs, il-kumpaniji start-up, l-atturi tal-ekonomija soċjali u l-organizzazzjonijiet mingħajr skop ta' qligħ, speċjalment f'territorji b'kapaċitajiet amministrattivi aktar limitati, sabiex jiġi żgurat aċċess aktar ġust għall-finanzjament;

13. jiġbed l-attenzjoni għad-diffikultajiet akbar li jiffaċċjaw benefiċjarji żgħar, b'mod partikolari l-SMEs jew l-amministrazzjonijiet pubbliċi iżgħar, biex jikkonformaw mar-rekwiżiti u l-formalitajiet tas-sejħiet għall-applikazzjonijiet; f'dan ir-rigward jappella għal aktar semplifikazzjoni u attenzjoni għall-isfidi tagħhom, kif ukoll għal sejħiet speċifiċi mmirati lejhom;

14. jappella għall-inklużjoni sħiħa tal-parteċipazzjoni tal-bliet, ir-reġjuni u l-ekosistemi tagħhom fil-programm tal-ekosistemi tal-innovazzjoni u l-inizjattivi li huma assoċjati mill-qrib magħhom, bħall-widien tal-innovazzjoni reġjonali, sabiex ikunu jistgħu jiżviluppaw b'mod konġunt l-aktar proġetti eċċellenti għall-benefiċċju tal-ekosistemi tal-innovazzjoni fl-Ewropa kollha;

15. jitlob li l-innovazzjoni soċjetali tiġi rikonoxxuta b'mod aktar espliċitu bħala komponent strateġiku tal-programm qafas, flimkien mal-innovazzjoni teknoloġika, speċjalment meta tipprovdi reazzjonijiet ġodda għall-isfidi relatati mal-faqar, it-tixjiħ, l-aċċess għall-kura, l-akkomodazzjoni, l-inklużjoni, l-edukazzjoni u l-parteċipazzjoni taċ-ċittadini kif ukoll l-adattament għat-tibdil fil-klima, ir-reżiljenza ambjentali u l-użu sostenibbli tar-riżorsi;

16. jenfasizza li s-suċċess tal-Missjonijiet tal-UE jiddependi mis-sjieda lokali tagħhom, l-involviment attiv tal-bliet u r-reġjuni fil-governanza tagħhom, u l-kapaċità tagħhom li jimmobilizzaw lill-pubbliku, is-servizzi pubbliċi, l-universitajiet, in-negozji u s-soċjetà ċivili madwar objettivi speċifiċi u li jistgħu jitkejlu;

17. jitlob li l-Missjonijiet tal-UE jissaħħu għal livell ambizzjuż u orjentat lejn il-futur, permezz ta' mobilizzazzjoni ta' teknoloġiji rivoluzzjonarji, investimenti kkoordinati u innovazzjoni sistemika biex jiġu indirizzati l-isfidi soċjetali ewlenin tal-Ewropa u d-distakki fil-kompetittività;

Rabta tal-implimentazzjoni tal-programm qafas ma' dik tal-istrateġiji ta' speċjalizzazzjoni intelliġenti

18. jitlob ir-rikonoxximent tar-rwol katalitiku u ta' amplifikazzjoni tal-istrateġiji ta' speċjalizzazzjoni intelliġenti (S3/S4). Dawn l-istrateġiji jistgħu jibnu rabtiet mal-programm qafas billi jrawmu sħubijiet bejn il-partijiet ikkonċernati fl-istess ekosistema tal-innovazzjoni, iżda jiffukaw ukoll l-investimenti f'dawn l-ekosistemi lokali u reġjonali biex jiġġeneraw l-aktar innovazzjoni eċċellenti;

19. iqis li huwa meħtieġ li r-reġjuni, sabiex ikunu kompletament effettivi, jadottaw dan l-approċċ kemm jista' jkun billi jżidu l-grad ta' speċjalizzazzjoni tal-istrateġiji tagħhom;

20. jipproponi, fid-dawl ta' dak li ntqal hawn fuq, li jiġi offrut appoġġ tekniku lir-reġjuni sabiex jinkiseb dan;

21. jipproponi, sabiex jiġi amplifikat b'mod reċiproku l-impatt tal-S3 u l-programm qafas, li dan tal-aħħar għandu jorbot l-ipprogrammar u l-implimentazzjoni tiegħu aktar mill-qrib ma' dawk tal-S3 li se jintużaw fid-dawl tal-pjani ta' sħubija nazzjonali u reġjonali futuri; dan jista' jinkiseb, pereżempju, billi l-ipprogrammar tas-sejħiet għal proġetti jintrabat aktar mill-qrib ma' dak tal-pjani SNR, billi jinħolqu pjattaformi ta' sħubija konġunti jew billi jinħolqu faċilitajiet ta' parteċipazzjoni "hop-on";

L-operazzjonalizzazzjoni ta' sinerġiji konkreti u kontinwi bejn il-pilastri tal-programm qafas u fondi oħra

Għal interkonnessjoni aħjar bejn il-pilastri, li tiffavorixxi approċċ "ibbażat fuq il-post"

22. jilqa' l-isforzi li saru biex jintrabtu l-pilastri differenti tal-programm, bħall-iskema ta' tranżizzjoni tal-EIC jew l-amplifikatur tar-riżultati ta' Orizzont, u jappella għall-ħolqien ta' mezz aktar strutturat (bħal pereżempju "perkors ta' valorizzazzjoni") li jistgħu jikkontribwixxu għalih il-bliet u r-reġjuni, li huma l-awtoritajiet maniġerjali tal-pjani SNR, biex jiffaċilitaw il-maturazzjoni ta' proġetti ffinanzjati mill-pilastru 1 sal-pilastru 3;

23. jipproponi li l-"perkors ta' investiment" mixtieq permezz tal-programmi differenti tal-Unjoni jintegra bis-sħiħ il-kontribut tal-bliet u r-reġjuni għall-implimentazzjoni tal-pjani SNR, sabiex il-proġetti ffinanzjati minn dawn il-pjani jew mill-programm qafas jirċievu appoġġ konġunt biex jivvalorizzaw ir-riżultati tagħhom lejn livelli ogħla ta' maturità soċjetali jew teknoloġika u jikkontribwixxu għall-objettivi kondiviżi minn dawn il-programmi;

Il-bliet, ir-reġjuni u l-ekosistemi tal-innovazzjoni tagħhom bħala konnetturi ewlenin għal sinerġiji b'suċċess mal-programm qafas

24. jitlob li l-programm qafas jimplimenta taħlita attiva ta' fondi Ewropej li jappoġġjaw ir-riċerka u l-innovazzjoni, sabiex jissaħħu l-eċċellenza xjentifika, il-kompetittività Ewropea u jintlaħqu l-objettivi strateġiċi tal-programm qafas, u jissottolinja r-rwol strateġiku tal-infrastrutturi tar-riċerka u t-teknoloġija, l-ispazji tad-data interoperabbli u s-soluzzjonijiet abilitati bl-IA bħala faċilitaturi ewlenin għall-aċċellerazzjoni tal-innovazzjoni u s-soluzzjonijiet ta' skalar;

25. jappoġġja l-ħolqien tal-Fond Ewropew għall-Kompetittività, iżda jqis li l-implimentazzjoni tiegħu tiddependi minn rabtiet mill-qrib u b'saħħithom mal-programm qafas, b'mod partikolari fid-definizzjoni tal-mekkaniżmi tiegħu għall-konnessjoni tagħhom; fl-interess tal-awtonomija tal-Programm Qafas għar-Riċerka u l-Innovazzjoni, trid tiġi żgurata parteċipazzjoni effiċjenti min-naħa tar-riċerka fl-istruttura ta' governanza ġenerali, li ma tinkludix biss rappreżentanti nazzjonali u reġjonali adegwati, iżda wkoll l-involviment ta' esperti mir-riċerka stess;

26. iqis li l-objettiv tal-kompetittività Ewropea jrid jimxi id f'id mal-objettivi tal-koeżjoni territorjali u soċjali, u li kwalunkwe konċentrazzjoni eċċessiva ta' finanzjament, infrastruttura u kapaċità ta' innovazzjoni f'għadd limitat ta' territorji li diġà għandhom prestazzjoni għolja għandha tiġi evitata;

27. jappoġġja, f'dan ir-rigward, il-ħtieġa li l-programm qafas jibni sinerġiji aktar prattiċi mal-Fond Ewropew għall-Kompetittività, bl-involviment tal-bliet u r-reġjuni bħala atturi ewlenin fir-restawr tal-kompetittività tal-UE. Il-Kumitat jitlob, f'dan ir-rigward, li dawn ikunu involuti mill-qrib fil-governanza kondiviża tal-programm qafas u l-Fond għall-Kompetittività fil-forom kollha li jieħdu dawn is-sinerġiji;

28. jisħaq li l-investimenti tal-UE fir-riċerka u l-innovazzjoni jridu jikkontribwixxu għal tranżizzjoni ġusta, jappoġġjaw il-ħolqien ta' impjiegi ta' kwalità, l-iżvilupp tal-kompetenzi, jantiċipaw it-trasformazzjonijiet tas-suq tax-xogħol u l-aċċess ġust għall-opportunitajiet maħluqa mit-tranżizzjonijiet ekoloġiċi u diġitali fit-territorji kollha;

29. jilqa' l-koordinazzjoni semplifikata bejn l-implimentazzjoni tal-pjani SNR biex il-bliet u r-reġjuni jkunu jistgħu jikkoinvestu fi proġetti kkofinanzjati mill-programm qafas, u jitlob li dawn ikunu involuti mill-qrib fl-istrutturi ta' konsultazzjoni tal-partijiet ikkonċernati, bħal Kunsill għall-Kompetittività Industrijali u Teknoloġika jew Kunsill għall-Isfidi tas-Soċjetà;

Favur programm qafas għal Żona Ewropea tar-Riċerka u għal Status għar-Riċerkaturi Ewropej

30. itenni li l-Ewropa trid tkun kapaċi toffri lir-riċerkaturi l-aktar eċċellenti tagħha ambjent tax-xogħol sikur u attraenti u li l-programm qafas irid jaqdi dan l-għan; jenfasizza l-importanza tar-riċerka kollaborattiva transnazzjonali għaż-Żona Ewropea tar-Riċerka; jisħaq, f'dan ir-rigward, fuq ir-rwol tal-edukazzjoni għolja u l-universitajiet Ewropej fil-ħolqien u l-isfruttar tal-għarfien, u jitlob li dan jitqies fl-istruttura u l-baġit tal-Orizzont Ewropa;

31. jitlob il-ħolqien ta' status għar-riċerkaturi Ewropej li jippermetti, permezz ta' rikonoxximent bejn il-pari, skambji aktar faċli mal-kontropartijiet tagħhom, u trattament sigur u appoġġ soċjali, irrispettivament mill-pajjiż li jaħdmu fih;

32. jitlob t-tisħiħ tal-momentum taż-Żona Ewropea tar-Riċerka, permezz ta' sejħiet miftuħa għal proposti u tisħiħ fundamentali tan-natura minn isfel għal fuq tal-finanzjament tar-riċerka; huwa favur, barra minn hekk, li partijiet mill-programm għandhom jinġabru f'portafolli ta' proġetti f'konformità mal-approċċ tal-aġenziji ta' proġetti ta' riċerka avvanzata u, għalhekk, li għandhom jibbenefikaw minn monitoraġġ tekniku aktar mill-qrib mill-maniġers tal-programmi, b'mod partikolari sabiex tittejjeb l-effiċjenza tal-isfruttar tar-riżultati tar-riċerka;

33. iqis li tali rikonoxximent, permezz ta' dan l-istatus, jagħmilha possibbli li jitwaqqaf l-eżodu ta' mħuħ u tiżdied l-attraenza tar-riċerkaturi internazzjonali billi jiġi kkomplementat il-programm "*Choose Europe*";

34. jenfasizza l-ħtieġa tal-ġlieda kontra l-eżodu ta' mħuħ u t-trawwim ta' ċirkolazzjoni ġenwina tat-talenti fl-Unjoni, inkluż billi jiġu appoġġjati aktar ir-reġjuni li qed jiffaċċjaw telf sostnut fil-kapaċitajiet tar-riċerka, l-innovazzjoni u l-kompetenzi, sabiex jiġi evitat li l-eċċellenza tkun ikkonċentrata f'għadd limitat ta' raggruppamenti;

35. jisħaq li r-riċerka u l-innovazzjoni Ewropej huma mexxejja dinjija fl-oqsma tas-sostenibbiltà, l-ekonomija ċirkolari u l-adattament għat-tibdil fil-klima, u għalhekk jitlob li dawn l-oqsma jibqgħu ċentrali fil-perjodu ta' finanzjament li jmiss, anke sabiex tkompli tiżdied l-attraenza tal-UE bħala destinazzjoni għar-riċerkaturi ewlenin minn madwar id-dinja.

Brussell, is-7 ta' Mejju 2026.

Il-President
tal-Kumitat Ewropew tar-Reġjuni
Kata TÜTTŐ